KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.11.2005
KUMM(2005) 561 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**dokument ta' strateġija għat-tkabbir 2005**

**{SEG(2005) 1433 }**
**{SEG(2005) 1421 }**
**{SEG(2005) 1422 }**
**{SEG(2005) 1423 }**
**{SEG(2005) 1424 }**
**{SEG(2005) 1426 }**
**{SEG(2005) 1428 }**

MT MT

## 1. IL-POLITIKA TAT-TKABBIR TA' L-UE

It-tkabbir hu wieħed mill-aktar għodda qawwija tal-politika. Il-ġibda ta' l-UE għinet għall-bidla ta' l-Ewropa Ċentrali u l-Ewropa tal-Lvant minn reġimi komunisti għal demokraziji moderni, li jaħdmu sew. Dan l-aħħar, ispirat riformi tremendi fit-Turkija, il-Kroazja u l-Balkani tal-Punent. Iċ-ċittadini Ewropej kollha jibbenefikaw mill-fatt li jkollhom ġirien b'demokraziji stabbli u ekonomiji tas-suq prosperi . Hu tassew importanti għall-UE li tiżgura proċess tat-tkabbir immexxi sew li jkabbar il-paċi, l-istabbiltà, ir-riżq, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt madwar l-Ewropa.

Wara ġenerazzjonijiet ta' firda u kunflitt, l-EU qiegħda ssawwar Ewropa maqgħuda b'mod paċifiku . Fl-2004, issieħbu għaxar membri ġodda, u l-UE ffirmat Trattat ta' adeżjoni mal-Bulgarija u r-Romanija f'April 2005. F'Ottubru 2005, l-Unjoni fetħet in-negozjati ta' adeżjoni mat-Turkija u l-Kroazja, u negozjati dwar Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mas-Serbja u l-Montenegro. Kull wieħed minn dawn l-avvenimenti ġie ġġustifikata mill-progress tal-pajjiż sabiex jissodisfa l-kondizzjonijiet relevanti.

Il-Balkani tal-Punent huma sfida partikolari għall-UE. Il-Politika tat-tkabbir teħtieġ turi s-setgħa ta' bidla li għandha f'reġjun fejn l-istati huma dgħajfa u s-soċjetajiet mifruda. Perspettiva politika konvinċenti għall-integrazzjoni eventwali fl-UE hi kruċjali biex iżżommilhom ir-riformi riesqa kif suppost. Imma huwa ċar ukoll li dawn il-pajjiżi jistgħu jissieħbu biss dment li jissodisfaw il-kriterji bis-sħiħ.

Il-Politika tat-tkabbir hija ddefinita fl-Artikolu 49 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, li jiddikjara li kwalunkwe Stat Ewropew li jirrispetta l-prinċipji demokratiċi fondamentali ta' l-UE jista' japplika biex isir membru ta' l-Unjoni [1] L-UE stabbiliet kriterji politiċi u ekonomiċi għas-sħubija, kif ukoll kriterji relatati ma' l-obbligi tas-sħubija u l-kapaċità amministrattiva ta' implimentazzjoni u infurżar tal-politika u l-liġijiet ta' l-UE [2] It-tliet prinċipji bażiċi ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni għat-tkabbir huma t-tisħiħ, il-kondizzjonalità u l-komunikazzjoni.

### *It-tisħiħ ta' l-impenji ta' l-UE għat-tkabbir*

It-tkabbir minn dejjem kien parti essenzjali tal-proġett Ewropew. L-UE ma tistax titlaq ir-responsabbiltajiet tagħha biex tiżgura sigurtà, stabbiltà u riżq fil-kontinent tagħha stess u lilhinn. L-aġenda attwali għat-tkabbir huma l-Balkani u t-Turkija, skond id-deċiżjonijiet tal-kapijiet ta' l-Istati u l-Gvernijiet ta' l-UE. Il-perspettiva Ewropea ħeġġet il-progress sinifikanti miksub minn dawn il-pajjiżi dawn l-aħħar snin, imma l-proċess tar-riforma għadu dgħajjef. Għad hemm sfidi importanti, bħar-riżoluzzjoni ta' l-istatus ta' Kosovo, fejn l-UE ser ikollha rwol ċentrali.

Il-Kummissjoni hi konvinta li proċess ta' l-adeżjoni mmexxi sew jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-proġett Ewropew. Unjoni li taħdem sew hi fl-interess kemm tal-Membri preżenti u kemm tal-membri futuri. Il-ħila ta' l-Unjoni li jkollha membri ġodda, filwaqt li żżomm ix-xejra ta' l-integrazzjoni Ewropea, hi kunsiderazzjoni importanti fl-interess ġenerali kemm ta' l-Unjoni kif ukoll tal-pajjiżi kandidati [3]

---

[1] L-Artikolu 49 u 6 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.

[2] Kif iddikjarat fil-konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropea f'Kopenħagen fl-1993 u Madrid fl-1995.

[3] Kif stipulat fil-Kunsill Ewropew f'Kopenħagen f'Ġunju 1993.

M'hu maħsub l-ebda tkabbir b'grupp kbir ta' pajjiżi f'daqqa. In-negozjati ta' l-adeżjoni mat-Turkija huma proċess fit-tul. Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fihom pajjiżi iżgħar fi stadji differenti fi triqithom lejn l-UE. Tkabbir fil-ġejjieni ser isir bl-andament stipulat mill-progress ta' kull pajjiż biex jissodisfa l-istandards rigorużi, sabiex jiġi żgurat l-assorbiment mingħajr intoppi tal-membri l-ġodda.

L-andament tat-tkabbir għandu jqis il-kapaċità ta' assorbiment ta' l-UE. It-Tkabbir jikkonsisti f'li jinqasam proġett imsejjes fuq prinċipji, politiki u istituzzjonijiet komuni. L-Unjoni kellha tiżgura li tista' żżomm il-ħila tagħha biex taġixxi u tiddeċiedi skond bilanċ ġust fost l-istituzzjoniji tagħha; tirrispetta l-limiti tal-baġit; u timplimenta l-politiki komuni li jaħdmu sew u li jiksbu l-għanijiet tagħhom.

Għal aktar minn tlietin sena, l-UE rnexxilha ddaħħal sensiela ta' pajjiżi tassew diversi. Billi żviluppat il-politika u l-istituzzjonijiet tagħha, l-Unjoni rnexxielha tirrispondi b'mod pożittiv għaċ-ċirkostanzi l-ġodda – bħall-waqgħa tad-ditattorjat, il-waqgħa tal-komuniżmu, u l-qawmien tal-globalizzazzjoni. It-tkabbir wera li kien strument ta' suċċess f'dan il-proċess.

***L-applikazzjoni ta' kondizzjonalità ġusta u rigoruża***

L-UE għandha tibqa' rigoruża fit-talba tagħha li jintlaħqu l-kriterji tagħha, imma ġusta billi tippremja kif xieraq il-progress. Pajjiżi li jixtiequ jissieħbu jistgħu jimxu minn stadju għall-ieħor dment li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha għal dak l-istadju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni lesta tirrakkomanda s-sospensjoni ta' progress f'każ ta' vjolazzjoni serja u persistenti tal-prinċipji fondamentali ta' l-UE, jew jekk pajjiż jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali fi kwalunkwe stadju. Rekwiżiti bħal dawn jinkludu l-kooperazzjoni mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex Jugoslavja (ICTY).

L-UE ser tibqa' soda fit-talba tagħha lill-membri li jixtiequ jissieħbu biex jissodisfaw ir-rekiwiżiti kollha qabel jissieħbu. Il-Kummissjoni ser tgħin lill-pajjiżi u tissorvelja l-progress tagħhom biex tiżgura implimentazzjoni u infurzar xieraq.

Kemm fil-Balkani kif ukoll fit-Turkija, l-effikaċja tal-kondizzjonalità fit-tħeġġiġ tar-riformi tiddependi miż-żamma ta' perspettiva politika kredibbli għall-integrazzjoni eventwali fl-Unjoni. Il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu jistgħu jmantnu l-aħjar l-appoġġ pubbliku għal riformi intraprendenti u sikwit diffiċli meta l-UE tappoġġjahom, taħdem magħhom u żżomm kelmtha.

Il-perspettiva li jimxu għat-tieni stadju fir-relazzjonijiet ma' l-Unjoni hi inċentiva qawwija għall-pajjiżi sabiex jinbidlu u jadottaw standards u valuri ta' l-UE. Il-proċess li jwassal għas-sħubija għandu valur fih innifsu, anke f'każi fejn l-adeżjoni għadha 'l bogħod. Dan il-vjaġġ hu spiss diffiċli, u għalhekk hu essenzjali għall-UE li tibqa' involuta matul il-proċess, u impenjata għar-riżultat. Dan id-dokument jindika hawn isfel *road-map* għat-twettiq tal-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent, għat-twaqqif ta' l-istadji u l-kondizzjonijiet mehmuża ma' kull stadju.

***Nikkomunikaw politika ta' tkabbir***

Appoġġ pubbliku mifrux hu essenzjali biex isostni l-politika tat-tkabbir. Il-Kummissjoni hi konxja mit-tħassib taċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-integrazzjoni Ewropea b'mod ġenerali, u t-tkabbir b'mod partikolari. L-UE teħtieġ tikkomunika aħjar l-għanijiet u l-isfidi tal-proċess ta' adeżjoni u l-mod kif tittratta l-pajjiżi. Dan hu partikolarment importanti fil-kuntest tat-tħassib pubbliku dwar l-isfidi tal-globalizzazzjoni u d-dibattitu dwar il-futur ta' l-Ewropa. L-Unjoni

għandha tirreaġixxi b'mod dirett għat-tħassib taċ-ċittadini tagħha. Għandha, b'mod partikolari toffri starteġija ċara għall-adeżjonijiet tal-ġejjieni msejsa fuq kondizzjonijiet oġġettivi u impenji realistiċi. Komunikazzjoni aħjar dwar is-sensiela ta' tkabbir ta' qabel hi kruċjali biex tiżgura sostenn għall-adeżjonijiet tal-ġejjieni.

L-aħħar tkabbir kien ta' suċċess enormi. Qabel l-1 ta' Mejju 2004, l-akbar tkabbir fl-istorja ta' l-UE kien maħsub li se jqanqal problemi kbar, bħall-istaġnar istituzzjonali u flussi maġġuri ta' ħaddiema immigranti. Iżda tabilħaqq l-aġġustamenti kienu limitati u setgħu jiġu mmexxija. Ħamsa u għoxrin Stat Membru qegħdin jieħdu sehem bis-sħiħ fl-istituzzjonijiet. Iċ-ċittadini ta' l-UE li qegħdin jaħdmu barra minn pajjiżhom għamlu kontribut ekonomiku pożittiv fl-Istati Membri li fetħu s-swieq ta' l-impjieg tagħhom.

Sadattant, l-Istati Membri l-ġodda daħħlu dinamiżmu ekonomiku, filwaqt li għinu sabiex jinżammu u jinħolqu impjiegi ma' l-UE kollha. Żieda fil-kummerċ u fl-investiment taw spinta lis-Suq Waħdieni. Iċ-ċittadini Ewropej kollha qegħdin jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' l-istandards Ewropej, pereżempju fil-politika tal-ħarsien ta' l-ambjent, fl-Istati l-Membri l-ġodda.

Madankollu, dan is-suċċess ma ġiex imtgħarraf sew. Dan jeħtieġ tweġiba konġunta koordinata. L-Istati Membri għandhom jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom biex jispjegaw u jiddefendu l-politika li qablu magħha b'mod unanimu. Il-Kummissjoni tikkomplimenta dan l-isforz billi tuża varjetà mifruxa ta' metodi biex tikkomunika l-politika tat-tkabbir tagħha u tmur kontra l-kunċetti żbaljati permezz ta' xhieda. Ser tfittex issawwar djalogu mal-parteċipanti ewlenin fil-politika, il-medja, l-imsieħba ta' l-akkademja, tan-negozju u dawk soċjali sabiex tippromwovi dibattitu aktar informat dwar it-tkabbir ta' l-imgħoddi u dak tal-ġejjieni. Parti kruċjali ta' l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni hi d-djalogu tas-soċjetà ċivili, li għandha l-għan issaħħaħ ir-rabtiet bejn is-soċjetà ċivili fl-UE u l-pajjiżi kandidati sabiex ittejjeb il-ftehim reċiproku, tirrispondu aħjar għat-tħassib, u tħeġġeġ dibattitu ta' kwalità għolja [4]

***

L-ewwelnett dan id-dokument jikkonċerna l-pajjiżi kandidati, il-Kroazja u t-Turkija, imbagħad il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent [5] Rapporti dettaljati tal-Progress ta' kull pajjiż huma ppubblikati flimkien ma' dan id-dokument. Madankollu, l-analiżi ta' l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hi inkluża fl-Opinjoni dwar l-applikazzjoni minn dan il-pajjiż għas-sħubija ma' l-UE, maħruġa wkoll fid-9 ta' Novembru.

## 2. IT-TURKIJA U L-KROAZJA

### 2.1. Il-progress li sar mit-Turkija

It-Tranżizzjoni politika għadha għaddejja fit-Turkija u l-pajjiż qiegħed jissokta jilħaq b'mod suffiċjenti l-kriterji politiċi ta' Kopenħagen. Riformi importanti leġiżlattivi issa daħlu fis-seħħ u għandhom iwasslu bidliet stutturali fis-sistema legali, b'mod partikolari fis-sistema

4 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili bejn l-UE u l-Pajjiżi Kandidati (COM(2005) 290).

5 Fil-25 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni rrapurtat dwar is-sueprviżjoni tal-progress tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2005) 534)

ġudizzjarja. Madankollu, il-rata tal-bidla battiet fl-2005 u l-implimentazzjoni tar-riformi ma kinetx l-istess. Għalkemm il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem qegħdin ibattu, xorta jkomplu jseħħu u hemm bżonn urġenti li tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni li diġà qiegħda fis-seħħ u li jittieħdu iżjed iniżjattivi leġiżlattivi rigward ċerti oqsma. Sforzi sinifikanti oħra jinħtieġu għal dak li għandu x'jaqsam mal-libertajiet fondamentali u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-libertà ta' l-espressjoni, id-drittijiet tan-nisa, il-libertà tal-fidi, id-drittijiet tad-trejdjunjins, id-drittijiet kulturali u aktar tisħiħ tal-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin. B'mod partikolari, it-Turkija għandha tintegra aħjar il-proċess tar-riforma fix-xogħol ta' l-awtoritajiet pubbliċi kollha. L-impenn tat-Turkija għal iżjed riformi politiċi għandu jiġi rifless f'aktar kisbiet konkreti għall-benefiċċju taċ-ċittadini Torok kollha tkun xi tkun l-oriġini tagħhom.

It-Turkija għamlet progress fondamentali fil-qasam ekonomiku u tista' titqies bħala suq ekonomiku attiv, dment li żżomm l-istabbilizzazzjoni riċenti tagħha u l-kisbiet tar-riforma. It-Turkija għandha tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fuq medda ta' żmien medja , basta żżomm l-politika ta' stabbilizzazzjoni tagħha u tieħu aktar passi deċiżivi lejn ir-riformi strutturali.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-ordni legali ta' l-UE (l-*acquis*), l-armonizzazzjoni tat-Turkija mxiet 'il quddiem f'bosta oqsma imma tibqa' fi stadju bikri fil-biċċa l-kbira ta' l-oqsma. Jinħtieġ aktar xogħol fl-oqsma kollha, leġiżlazzjoni ġdida m'għandhiex titlaq lil hinn mill-*acquis*, u d-diskriminazzjoni kontra dawn li jipprovdu s-servizzi jew prodotti li mhumiex Torok, jew trattament differenti ta' l-Istati Membri ta' l-UE għandu jintemm. Għandhom jiġu rrispettati l-impenji li jirriżultaw mill-unjoni doganali Il-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja għandha tissaħħaħ biex tapplika r-regoli ta' l-UE hekk kif jiddaħħlu fil-pajjiż.

## 2.2. Il-progress li sar mill-Kroazja

Il-Kroazja ma' tħabbat wiċċha ma' l-ebda diffikultajiet maġġuri biex tissodisfa r-rekwiżiti politiċi għas-sħubija. Kien hemm progress f'bosta oqsma imma għadhom jinħtieġu sforzi importanti biex tiġi rriformata s-sistema legali, kif ukoll il-prosekuzzjoni imparzjali tad-delitti tal-gwerra, biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni, titjieb il-qagħda tal-minoritajiet u tiġi ffaċilitata l-wasla lura tar-rifuġjati. Kien hemm progress tajjeb fil-kooperazzjoni reġjonali, kemm f'termini ta' relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi ġirien kif ukoll f'termini ta' inizjattivi reġjonali. In-nuqqas ta' kooperazzjoni bis-sħiħ mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali ma' l-ex Jogoslavja (ICTY) waqqaf lill-UE milli tiftaħ negozjati ta' adeżjoni kif maħsub f'Marzu 2005; kooperazzjoni sħiħa issa ġiet stabbilita u għandha tinżamm.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kriterji ekonomiċi, il-Kroazja tista' titqies bħala suq ekonomiku attiv. Għandha tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fuq medda ta' żmien medja , sakemm tkompli timplimenta l-programm tar-riforma biex tneħħi d-dgħjufijiet li baqa'.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-ordni legali ta' l-UE, il-Kroazja għamlet progress, b'mod partikolari f'termini ta' armonizzazzjoni leġiżlattiva. Il-Kroazja teħtieġ tkompli l-armonizzazzjoni leġiżlattiva ma' l-oqsma kollha filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u legali biex tinforza l-*acquis*. F'bosta każijiet, l-infurzar għadu batut u l-kapaċità amministrattiva għadha mhix stabbli.

## 2.3. L-Istrateġija ta' l-adeżjoni

*It-tmexxija ta' negozjati għall-adeżjoni*

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija u l-Kroazja daħlu f'fażi ġdida u storika mal-ftuħ tan-negozjati ta' l-adeżjoni fit-3 ta' Ottubru 2005. L-UE issodisfat l-impenji tagħha f'dan ir-rigward. In-negozjati se joffru liż-żewġ pajjiżi l-opportunità li juru r-riżoluzzjoni u l-ħila tagħhom li jtemmu l-bidla bżonjuża u jilqgħu r-rekwiżiti kollha għas-sħubija.

Il-firma tal-Protokoll Supplimentari tal-Ftehim ta' Ankara dan is-sajf kienet kondizzjoni sabiex jinbdew in-negozjati ta' adeżjoni mat-Turkija. L-UE ser tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll u se tevalwah fl-2006, b'mod partikolari biex tara jekk tneħħewx ir-restrizzjonijiet kollha fuq il-moviment ħieles ta' l-oġġetti, kif ukoll fuq il-mezzi ta' trasport.

Il-valutazzjoni tal-Prosekutur Ewlieni ta' l-ICTY li l-Kroazja issa qiegħda tikkoopera b'mod sħiħ wittiet it-triq għall-Kunsill biex iniedi n-negozjati ta' l-adeżjoni. Kooperazzjoni sħiħa sostnuta ma' l-ICTY se tibqa' rekwiżit għall-progress tul il-proċess ta' l-adeżjoni. Jekk il-kooperazzjoni ma' l-ICTY tonqos minn waħda sħiħa fi kwalunkwe stadju, dan ser jaffetwa l-progress ġenerali tan-negozjati u jista' jwassal għal sospensjoni tan-negozjati.

In-negozjati ser jitmexxew fuq il-bażi ta' oqsfa ta' negozjati ċari u rigorużi miftiehma mill-Kunsill, li stabbilixxa l-metodu u l-prinċipju ta' gwida [6] In-negozjati ser jissejsu fuq il-merti personali tal-pajjiż u l-pass tagħhom se jiddependi mill-progress tal-pajjiżi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti għas-sħubija. L-Unjoni tippretendi li ż-żewġ pajjiżi jikkonformaw bis-sħiħ mal-kriterji politiċi u li jaħdmu lejn iżjed progress tul in-negozjati. Fil-każ ta' vjolazzjoni serja u persistenti minn kwalunkwe pajjiż tal-prinċipji ta' libertà, demokrazija, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali u l-istat tad-dritt li l-Unjoni hi msejsa fuqhom, in-negozjati ta' l-adeżjoni jistgħu jiġu sospiżi. Sabiex isiru Stat Membri, iż-żewġ pajjiżi għandhom jaċċettaw l-*acquis* ta' l-Unjoni. Bħal f'kull negozjat ta' adeżjoni li sar qabel, jistgħu jsiru arranġamenti speċifiċi.

L-Unjoni ser tispeċifika n-normi ta' referenza għall-għeluq proviżjorju u fejn xieraq anke għall-ftuħ ta' kapitoli inidividwali. Fost in-normi ta' referenzi li għandhom jitqiesu għall-Kapitoli fil-qasam ekonomiku, il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari lit-twettiq ta' l-obbligi kuntrattwali ta' l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha taħt il-ftehim ta' assoċjazzjoni, kif ukoll għall-Unjoni Doganali u l-Protokoll Supplimentari għat-Turkija, u tal-kriterja li tkun suq ekonomiku attiv. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi aktar tard li pajjiż kandidat m'għadux iwettaq dawn l-obbligi jew kriterji, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Istati Membri li n-negozjati ta' l-adeżjoni dwar il-kapitoli relevanti jkunu sospiżi.

L-ewwel pass tan-negozjati kien il-bidu ta' l-eżami analitiku (imsejjaħ "*screening*") ta' l-*acquis* ta' l-UE fl-20 ta' Ottubru 2005. Dan l-eżami jiġbor l-esperti mit-Turkija u l-Kroazja u mill-Kummissjoni biex jispjegaw ir-regoli ta' l-UE u jeżaminaw il-pjanijiet għal kull pajjiż biex jadotta u jimplimentahom. Hu mistenni li l-eżami tal-kapitoli kollha ta' l-*acquis* jdum sal-ħarifa ta' l-2006 qabel ma jitlesta. Wara li Kapitolu ġie eżaminat l-UE se tiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, jekk jistax jinfetaħ jew liema normi ta' referenza għandhom jiġu ssodisfatti qabel jinfetaħ.

---

[6] L-oqsfa ta' negozjati huma ppubblikati fuq http://europa.eu.int/comm/enlargement/turkey/docs.htm u http://europa.eu.int/comm/enlargement/croatia/key_documents.htm.

*Riformi ta' appoġġ*

Pilastru ta' l-istrateġija tal-Kummissjoni għat-Turkija hu l-appoġġ attiv tagħha għall-proċess tar-riformi politiċi. Is-superviżjoni kontinwa tal-kriterji politiċi intensifikat ruħha b'laqgħat frekwenti fuq livell politiku u fuq livell ta' l-esperti sabiex jirrevedu fid-dettall il-kwistjonijiet u l-problemi kollha li jinqalgħu taħt l-intestaturi varji tal-kriterji politiċi. Il-kwistjonijiet ewlenin pendenti ser jeħtieġu li jiġu indirizzati fl-ewwel stadju tan-negozjati ta' l-adeżjoni, kif ukoll permezz ta' l-għoti ta' punti ta' referenza ta' azzjonijiet meħtieġa taħt il-kapitoli relevanti ta' negozjati, jekk l-andament tan-negozjati għandhu jinżamm.

Il-Kummissjoni ssoktat tipprovdi appoġġ attiv għall-proċess ta' riformi politiċi, ekonomiċi u oħrajn marbuta mal-proċess ta' l-adeżjoni fil-Kroazja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li daħal fis-seħħ fi Frar 2005.

Il-Kummissjoni tipproponi s-Sħubiji ta' Adeżjoni li huma mera tal-prijoritajiet ewlenin identifikati fir-Rapporti ta' Progress għaż-żewġ pajjiżi. Huma jirriflettu l-kondizzjonalità għall-progress lejn l-UE f'azzjonijiet konkreti. Il-proġetti ta' għajnuna ta' l-UE jitfasslu madwar l-istess prijoritajiet.

Wara li saret pajjiż kandidat, il-Kroazja saret eliġibbli għall-istrumenti finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni. Il-Phare għat-twaqqif ta' istituzzjoniijiet u l-koeżjoni ekonomika u soċjali, l-ISPA għall-infrastutturi ta' l-ambjent u tat-trasport u s-SAPARD għall-iżvilupp agrikolu u rurali. Il-Kroazja tibqa' eliġibbli wkoll għal-Programm Reġjonali CARDS fl-2005 u l-2006. Il-finanzjament għal qabel l-adeżjoni hu ta' EUR 105 miljun fl-2005 u ta' EUR 140 miljun fl-2006. Il-Kroazja tista' tieħu sehem ukoll fil-Programmi Komunitarji.

Il-programmi ta' għajnuna finanzjarja għal qabel l-adeżjoni ta' l-2005 għat-Turkija jikkonsistu f'programm nazzjonali u infiq assoċjat mal-programmi, komunikazzjoni u ġestjoni għal bosta pajjiżi, li jtella' l-ammont totali għal EUR 300 miljun fl-2005 u 500 miljun fl-2006. Il-prijoritajiet ewlenin għall-programm ta' l-2005 huma mera tal-prijoritajiet ta' l-UE li jikkonċernaw il-kriterji politiċi, il-koeżjoni ekonomika u soċjali, l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* fl-oqsma ewlenin, u d-djalogu politiku u soċjali bejn l-UE u t-Turkija. Dan jinkludi wkoll il-finanzjament sabiex it-Turkija titħejja għall-implimentazzjoni ta' infrastruttura fuq skala kbira u miżuri li jixbħu l-fondi strutturali mill-2007.

## 3. IL-BALKANI TAL-PUNENT

### 3.1. Progress li sar mill-Albanija, il-Bożnija u l-Ħerżegovina, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja 7 is-Serbja u l-Montenegro u l-Kosovo 8

*Żviluppi politiċi*

Il-qagħda politika globaliġenerali qiegħda titjieb imma għad baqa' sfidi konsiderevoli. L-Albanija hi politikament aktar stabbli, kif intwera mit-tranżizzjoni mingħajr inkwiet lejn gvern ġdid f'Lulju/ Awwissu 2005; madankollu, l-iggvernar għandu jitjieb b'mod sinifikanti. Il-Bożnija u l-Ħerżegovina għamlu progress konsiderevoli fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet

[7] Il-Progress li sar minn l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hi koperta fl-Opinjoni tal-Kummissjoni ppubblikata separatament (COM(2005) 562).

[8] Bħalissa l-Kosovo hu mmexxi taħt l-awspiċji tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU 1244.

fl-Istudju ta' Vijabbiltà, imma l-istrutturi kostituzzjonali kumplessi tagħha sikwit iwasslu għal twaqqif jew ineffiċjenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet. L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja wriet impenn qawwi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Qafas Ohrid u għamlet progress sinifikanti mill-2001 'l hawn, billi saħħet l-istabbiltà tal-pajjiż. Is-Serbja u l-Montenegero jbatu minn strutturi dgħajfa u diffikultajiet fil-koordinazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma fejn il-kompetenzi jiġu mqassma bejn l-Unjoni ta' l-Istat u r-Repubbliki. L-istituzzjonijiet ta' Kosovo għad m'għandhomx il-maturità politika meħtieġa sabiex tissawwar soċjetà tassew demokratika, sigura u multi-etnika.

It-tħaddim ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi qiegħed jitjieb b'mod ġenerali. Il-pajjiżi jeħtieġu jtemmu r-riformi elettorali tagħhom. L-istandards ta' l-elezzjoni tjiebu. Il-parlamenti qegħdin isiru aktar effiċjenti mar ir-reġjuni, imma nuqqas ta' riżorsi u atmosfera politika mhux kostruttiva f'ċerti pajjiżi qegħdin ixxekklu x-xogħol tagħhom. L-aministrazzjonijiet politiċi huma vulnerabbli għall-indħil politiku u jbatu minn kapaċitajiet amministrattivi u ta' implimentazzjoni dgħajfa. Il-pajjiżi jeħtieġu jżidu l-isforzi għar-riformi. Jeħtieġu wkoll jiżviluppaw servizz ċivili b'kwalifiki għolja u indipendenti li jista' jmexxi l-proċess Ewropew ta' integrazzjoni.

Is-sistemi ġudizzjarji qegħdin jiġu rriformati u l-oqsma legali tjiebu. Madankollu, il-gudizzjarji b'mod ġenerali baqgħu dgħajfa u għad m'humiex indipendenti. L-ineffiċjenza, nuqqas ta' riżorsi, każijiet pendenti, u implimentazzjoni u infurzar batut tal-leġiżlazzjonijiet huma problemi komuni. Fil-Kosovo, l-impjieg tal-popolazzjonijiet fil-minoranza fis-sistema ġudizzjarja hu prijorità ewlenija. Għalkemm it-twaqqif ta' l-oqsfa legali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-minoritajiet jinsab kważi fil-pajjiżi kollha, fir-realtà għad jeżistu każi ta' diskriminazzjoni.

Għandha tissokta r-riforma tas-servizzi tal-pulizija, biex tiżgura li jaħdmu mingħajr indħil politiku u li huma organizzati skond il-kriterji tekniki u professjonali. Il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni jibqgħu problemi sinifikanti mar-reġjuni kollha. L-istrateġiji kontra l-korruzzjoni tal-pajjiżi għandhom jiġu mtejba u aġġornati b'għanijiet u skedi realistiċi.

L-għadd ta' nies li għadhom reġistrati bħala rifuġati jew persuni mċaqilqa internament naqas, b'mod partikolari bħala riżultat ta' reġistrazzjoni mill-ġdid tar-rifuġjati u persuni mċaqilqa internament fis-Serbja u l-Montenegro u fil-Bożnija u l-Ħerżegovina. Il-ġrajjiet vjolenti fil-Kosovo f'Marzu 2004 tefgħu lura b'mod serju l-proċess ta' ritorn u d-djalogu bejn Belgrad u l-Pristina dwar din il-kwistjoni jibqa' problematiku.

Il-Bożnija u l-Ħerżegovina u s-Serbja u l-Montenegro għamlu progress sinifikanti fil-kooperazzjoni ma' l-ICTY, b'bosta trasferimenti ta' akkużati għall-Hague, imma għad baqgħalhom biex jiksbu kooperazzjoni bis-sħiħ. Kważi l-pajjiżi kollha kkonformaw mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffrizar tal-beni ta' persuni naturali akkużati mill-ICTY [9]

Jeħtieġ li jkun hemm aktar kooperazzjoni reġjonali sabiex ikun hemm aktar stabilizzazzjoni u rikonċiljazzjoni. Huwa sinjal tal-ħila tal-pajjiż li jlaħħaq mar-relazzjonijiet aktar avvanzati ma' l-UE. L-iskuża riċenti tal-President Serb għall-kriminalità tul il-gwerra li seħħet min-nies pajjiżu fil-Bożnija u l-Ħerzegovina kien sinjal inkoraġġanti għall-proċess ta' rikonċiljazzjoni dejjem aktar profond. Il-kooperazzjoni fuq ir-ritorn tar-rifuġati tjiebet u qiegħed jiżdied fil-qasam tal-ġustizzja, libertà u sigurtà, kif ukoll fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

---

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/767/CFSP li jimplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/CFSP.

Tul dawn l-aħħar sitt snin, il-Patt ta' Stabbiltà għamel kontribuzzjoni sinifikanti, imma l-kuntest li jaħdem fih qiegħed jiżviluppa. Ir-reġjun qiegħed jassumi bil-mod il-mod il-proprjetà ta' kooperazzjoni reġjonali, pereżempju permezz tal-Proċess ta' Kooperazzjoni ta' l-Ewropa tax-Xlokk. Patt ta' Stabbiltà riformat jista' qajl qajl u b'mod xieraq jittrasferixxi l-funzjonijiet ewlenin tiegħu lir-reġjun, sabiex iżomm ix-xejra fil-kooperazzjoni reġjonali.

*Żviluppi ekonomiċi*

L-istabbiltà makroekonomika ttejbet iżjed b'mod ġenerali. Dan ikkontribwixxa għal rati ta' tkabbir sostenibbli u inflazzjoni moderata. Madankollu, id-defiċit għoljin tal-kontijiet kurrenti jibqgħu għajn ta' vulnerabbiltà.

Ir-riformi strutturali m'għamlux progress bilanċjat. Il-proċess ta' privatizzazzjoni u strutturar mill-ġdid jinsab fi stadji differenti. L-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà u kuntratti għadu diffiċli. Is-settur informali kbir baqa' għajn ta' kompetizzjoni żbilanċjata u ta' evażjoni tat-taxxa. Il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ ġie avvanzat permezz tat-tlestija tan-netwerk reġjonali ta' ftehim dwar il-kummerċ ħieles. Sabiex jistabbilixxu suq ekonomiċi attiv, il-pajjiżi jeħtieġu jiżguraw aktar stabilizzazzjoni makro-ekonomika u riformi strutturali, li jinkludu l-liberalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni. Dan il-proċess jeħtieġ oqsma regolatorji xierqa u strutturi ta' ggvernar korporat.

## 3.2. Strateġija ta' qabel l-adeżjoni

*It-twettiq tal-perspettiva tas-sħubija: road-map*

Il-pajjiżi Balkani tal-Punent kollha ngħataw il-prospett għal sħubija ma' l-UE ladarba jissodisfaw l-obbligi meħtieġa [10] L-UE se tikkometti ruħha ma' dan l-impenn. Kull pajjiż ser jimxi lejn dan l-għan bil-merti tiegħu stess, jiddependi mill-progress tiegħu sabiex jissodisfa r-rekwiżiti. Il-pajjiżi huma fi stadji differenti fi triqthom lejn l-UE, imma kollha se jirnexxilhom jwettqu l-perspettiva tagħhom Ewropea billi jsegwu r-*road-map* spjegata hawn isfel.

Bħala pajjiżi kandidati potenzjali, il-Balkani tal-Punent diġà għandhom aċċess għal numru ta' strumenti li huma disponibbli wkoll biex jgħinu lill-pajjiżi kandidati. Dawn jinkludu l-aċċess għall-programmi tal-Komunità (bħall-edukazzjoni, xjenza u riċerka), għajnuna sabiex jintlaħqu l-istandards ta' l-UE, preferenzi fil-kummerċ għall-prodotti tagħhom, rapport regolari mill-Kummissjoni, u twaqqif ta' prijorità tal-politika mill-UE.

Kull pajjiż jista' jistabbilixxi **Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAA)** mifrux ma' l-UE. Dawn il-ftehimiet jgħinu lill-pajjiżi Balkani tal-Punent sabiex iħejju ruħhom għal sħubija fil-ġejjieni billi jdaħħlu regoli ta' l-UE f'bosta oqsma minn żmien qabel l-adeżjoni. S'issa, il-Kroazja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandhom l-SAAs fis-seħħ. L-Albanija mhix 'il bogħod li tiffinalizza ftehim bħal dan, filwaqt li s-Serbja u l-Montenegro għadha kemm fetħet negozjati SAA, u l-Bożnija u l-Ħerżegovina ser tagħmel dan dalwaqt.

Qabel ma **tiftaħ negozjati SAA**, l-UE teżami jekk il-kondizzjonijiet bażiċi humiex kif suppost. Livell suffiċjenti ta' **stabbilizzazzjoni** hu kondizzjoni ewlenija għal ftuħ tan-negozjati.

---

[10] Il-Kunsill Ewropew f'Thessaloniki f'Ġunju 2003.

L-UE tappoġġja iżjed stabbilizzazzjoni tar-reġjun permezz ta' numru ta' strumenti taħt il-Politika Komuni Barranija u tas-Sigurtà, li tinkludi r-Rappreżentanti Speċjali ta' l-UE, il-Missjoni ta' Superviżjoni ta' l-UE, il-Qawwa Militari ta' l-UE fil-Bożnija u l-Ħerżegovina u l-Missjonijiet tal-Puliżija ta' l-UE fil-Bożnija u l-Ħerżegovina u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. In-natura tal-preżenza ta' l-UE ser teħtieġ tadatta hekk kif il-pajjiżi jiġu stabbilizzati u jagħmlu progress lejn l-integrazzjoni Ewropea. L-Unjoni għamlet pass importanti fl-2005 billi ħatret l-istess persuna bħala Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni u bħala Rappreżentant Speċjali ta' l-UE fi Skopje.

Ladarba l-istabbilizzazzjoni hi żgurata b'mod suffiċjenti, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda lill-Kunsill fir-**Rapport ta' Vijabbiltà** jekk u taħt liema kondizzjonijiet jistgħu jinbdew in-negozjati ta' l-SAA. Minħabba l-importanza ta' relazzjoni kuntrattwali, il-Kumissjoni tqis li hi prijorità li tinnegozja mbagħad tikkonkludi, mill-aktar fiss, l-SAAs mal-pajjiżi li fadal. In-negozjati SAA infetħu f'Ottubru 2005 mas-Serbja u l-Montenegro. F'Ottubru wkoll, il-Kumissjoni rrakkomandat lill-Kunsill il-ftuħ tan-negozjati SAA mal-Bożnija u l-Ħerżegovina.

In-negozjati SAA jistgħu jiġu **konklużi** dment li l-pajjiż għamel progress ġenerali suffiċjenti fl-oqsma ta' riforma essenzjali għall-implimentazzjoni tal-ftehim. Ladarba iffirmat, il-ftehim hu suġġett għar-ratifika mill-UE u mill-pajjiż assoċjati fil-ġejjieni. Sadattant, id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' l-SAA huma applikati permezz ta' ftehim temporanju. Wara r-ratifika, il-ftehim jidħol fis-seħħ.

Il-Kroazja u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandhom l-SAAs fis-seħħ. L-Albanija għamlet progress suffiċjenti fl-iżvilupp tal-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali u l-kapaċità amministrattiva meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tal-ftehim tal-ġejjieni; dan iwitti t-triq għall-konklużjonijiet tan-negozjati ta' l-SAA.

Il-Kumissjoni tqis li jista' jkun possibbli tikkonkludi n-negozjati ta' l-SAA mas-Serbja u l-Montenegro u mal-Bożnija u l-Ħerżegovina fi żmien sena mill-ftuħ. Din hi skeda ambizzjuża, li ser tiddependi minn progress konkret fuq riformi politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali.

In-negozjati u l-konklużjonijiet b'suċċess ta' Ftehim jippermetti lil pajjiż juri li għandu l-ħila jappoġġja relazzjonijiet aktar avvanzati ma' l-UE. Implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim hi għaldaqstant l-aħjar sisien fuqhiex għandha tissejjes il-prontezza tal-pajjiż biex jimxi għal fażijiet l-oħra ta' l-istat ta' kandidat umbagħad għan-negozjati ta' l-adeżjoni. Ir-riżultati sodisfaċenti miksuba minn pajjiż għal dak li għandu x'jaqsam mar-rispett ta' l-obbligi jirriżultaw mill-SAA (li jinkludu d-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ) għalhekk ser ikunu element essenzjali għall-UE biex tqis kwalunkwe **applikazzjoni** ta' sħubija.

Wara l-applikazzjoni, fuq il-bażi ta' l-Opinjoni tal-Kummissjoni, l-UE tista' tiddeċiedi li tagħti **status ta' kandidat** lill-pajjiż applikant. Dan l-istatus hu għarfien politiku ta' relazzjoni eqreb ma' pajjiż fi triqtu lejn is-sħubija. Fil-prattika, jimplika li l-għajnuna ta' l-UE tista' tintuża fl-oqsma kollha relevanti mal-ħila tal-pajjiż biex fil-ġejjieni jassumi l-obbligi tas-sħubija, bħal ma hija t-tħejjija għall-implimentazzjoni tal-fondi strutturali. Madankollu, dan ma jfissirx żieda awtomatika fis-somma globali ta' għajnuna mogħtija lill-pajjiż. L-istatus ta' kandidat jimplika li l-pajjiż ikkonċernat jiftaħ stadju ieħor fir-relazzjoni tiegħu ma' l-UE, u se jibbenefika minn djalogu politiku u kooperazzjoni ekonomika aktar intensiva mal-Kummissjoni u l-Istati Membri.

L-istatus ta' kandidat hu meħtieġ imma mhux biżżejjed biex **jinfetħu negozjati għall-adeżjoni**. Qabel ma jistgħu jinfetħu negozjati għall-adeżjoni, il-pajjiż jeħtieġ jilħaq ċertu livell ta' konformità ġenerali mal-kriterji ta' Kopenħagen. Għandhom jiġu ssodisfatti l-kriterji politiċi, [11] li jinkludu kooperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY fejn meħtieġ. Il-pajjiż kellu jkun għamel progress sinifikanti sabiex jissodisfa l-kriterji ekonomiċi u l-obbligi ta' l-isħubija. Il-Kummissjoni teżamina l-livell ta' konformità globali fl-Opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni għas-sħubija tal-pajjiż, u tirraporta fuq il-progress b'mod regolari minn dak in-nhar 'il quddiem. Il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi jekk u meta jistgħu jinbdew in-negozjati, imsejjes fuq rakkommandazzjoni mill-Kunsill. Meta tittieħed id-deċiżjoni, tiġi msejħa konferenza intergovernattiva fuq il-bażi ta' qafas ta' negozjati adottati mill-Kunsill wara proposta mill-Kummissjoni.

Kif spjegat fil-qafas ta' negozjati għall-Kroazja, it-twettiq tal-kriterji speċifiċi fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAP) u l-implimentazzjoni ta' l-SAA għandhom jissoktaw sa l-adeżjoni. Nuqqasijiet biex jiġu ssodisfatti dawn ir-rekwiżiti se jaffetwaw il-pass li bih jimxu n-negozjati. Imsejjes fuq esperjenza mgħoddija, in-negozjati ta' l-adeżjoni jistgħu jdumu numru varju ta' snin, jiddependi mill-pajjiż. Min-natura tagħhom stess, in-negozjati huma proċessi mingħajr tmiem stipulat. Ladarba jiġu konklużi, ir-riżultati tan-negożjati huma riflessi fit-Trattat ta' l-Adeżjoni. Dan it-Trattat jippermetti għal adeżjoni ma' l-Unjoni, la darba jkun approvat mill-Parlament Ewropew, u rratifikat mill-Istati Membri kollha u l-pajjiż li se jissieħbu.

*Riformi ta' appoġġ*

Is-**Sħubiji Ewropej** jiggwidaw l-isforzi ta' riforma tal-pajjżi u jindikaw l-azzjonijiet konkreti meħtieġa sabiex jinkiseb progress permezz tar-*road-map*. Jidentifikaw il-prinċipji fuq medda ta' żmien qasira u medja għal kull stadju partikolari tal-proċess ta' qabel l-adeżjoni. Il-pajjiżi għandhom jirrispondu għall-prijoritajiet proposti mill-UE bil-Pjanijiet ta' Azzjoni korrispondenti tagħhom stess mingħajr dewmien. Biex jagħmlu l-aħjar użu ta' dan l-istrument, il-pajjiżi jeħtieġu jintegraw il-prijoritajiet tas-Sħubija bis-sħiħ fl-aġenda domestika politika tagħhom, li mhux biss tinkludi skeda amministrattiva leġiżlattiva imma wkoll baġetarja. Is-Sħubiji Ewropew se jissoktaw ikunu l-bażi għall-programm ta' għajnuna CARDS għall-Balkani tal-Punent [12]

L-Unjoni tappoġġja l-aġenda ta' riforma li tinsab fis-Sħubiji Ewropew b'medda ta' strumenti. **L-għajnuna ta' l-UE** għall-pajjiżi Balkani tal-Punent tinkludi allokazzjoni ta' EUR 539 miljun fl-2005 biss, tinkludi appoġġ għall-programm reġjonali li l-Kroazja tibqa' eliġibbli għalih. L-għajnuna tiffoka fuq l-isfidi identifikati fi ħdan il-qafas tas-Sħubiji Ewropej. Bosta mill-istrumenti ta' apoġġ ġodda ta' l-UE miftehma fis-Samit ta' Thessaloniki 2003 issa ġew stabbiliti. Il-pajjiżi ngħataw il-possibbiltà li jieħdu sehem fil-programmi tal-Komunità, sabiex isiru familjari mal-politiki ta' l-UE u l-metodi ta' ħidma. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li fi ftit taż-żmien ieħor tagħmel proposta rigward l-applikazzjoni tal-kumulu djagonali ta' l-oriġini fil-kummerċ bejn il-pajjżi tar-reġjun li għandhom ftehim ta' kummerċ ħieles ma' l-UE. B'mod separat, il-Kummissjoni pproponiet estenzjoni ta' ħames snin ta' l-aċċess ħieles tal-pajjiżi għas-suq ta' l-UE b'mod partikolari għall-prodotti kollha. Progress lejn il-konklużjoni tal-ftehimiet fuq l-ammissjoni mill-ġdid u l-faċilitazzjoni tal-viża ser ifisser impenn reċiproku għal iżjed kooperazzjoni fuq il-ġustizzja, libertà u sigurtà.

---

[11] Kif stipulat fil-Kunsill Ewropew f'Ħelsinki f'Diċembru 1999.

[12] CARDS – Għajnuna Komunitarja għall-Bini mill-ġdid, Żvilupp u Stabilizzazzjoni.

## 4. KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

(1) Il-politika ta' tkabbir tal-Kummissjoni hi msejsa fuq it-tisħiħ, il-kondizzjonalità u l-komunikazzjoni. Proċess ta' tkabbir immexxi tajjeb ikabbar il-paċi, l-istabbiltà, ir-riżq, id-demokrazija u l-istat tad-dritt ma' l-Ewropa. L-Unjoni se tikkometti ruħha għall-impenn li għamlet meta l-pajjiżi jissodisfaw l-kondizzjonijiet stretti għall-adeżjoni. Kull pajjiż se jiġi eżaminat dwar il-merti tiegħu stess. Il-Kummissjoni ser tgħin lill-pajjiżi u ssegwi l-progress tagħhom biex tiżgura implimentazzjoni u infurzar xieraq. Fl-istess ħin, l-UE b'mod ġenerali, għandha tgħarraf aħjar l-għanijiet u l-isfidi tal-proċess ta' l-adeżjoni.

(2) Il-ftuħ tan-negozjati ta' l-adeżjoni mat-Turkija u l-Kroazja fit-3 ta' Ottubru beda fażi ġdida ta' integrazzjoni politika u ekonomika. Is-Sħubiji ta' l-Adeżjoni stipulaw il-ħidmiet ewlenin li kull pajjiż għandu jwettaq biex jagħmel progress fin-negozjati.

(3) Il-futur tal-Balkani tal-Punent jinsab fl-UE. Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent qegħdin jimxu minn stabbilizzazzjoni u konstruzzjoni mill-ġdid għal żvilupp sostenibbli, assoċjazzjoni u integrazzjoni fl-istrutturi Ewropew, kisba tal-miri stipulati fil-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki fl-2003. Il-Kummissjoni għandha l-għan tiżgura li l-pajjiżi kollha jiffirmaw il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAAs) ma' l-UE, biex jistabbilixxu relazzjoni kuntrattwali soda. Ir-rekord sodisfaċenti ta' pajjiż fl-implimentazzjoni ta' l-obbligi SAA tiegħu (li jinkludu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fil-forma ta' Ftehim Proviżorju) ser ikun element essenzjali għall-UE biex tikkunsidra kwalunkwe applikazzjoni għas-sħubija.

(4) Din is-sena l-Kummissjoni rrakkomandat li l-UE tiftaħ in-negozjati ta' l-SAA mas-Serbja u l-Montenegro, u mal-Bożnija u l-Ħerżegovina. Dawn in-negozjati SAA jistgħu jiġu konklużi fi żmien sena, jiddependi mill-progress tagħhom sabiex jagħmlu riformi politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali. L-Albanija għamlet progress globali fl-oqsma ta' riforma essenzjali gaħll-implimentazzjoni tal-ġejjieni ta' l-SAA; dan iwitti t-triq għall-konklużjonijiet tan-negozjati.

(5) L-UE qiegħda tiżgura li l-Kosovo jibbenefika minn strumenti ewlenin offerti lir-reġjun. Il-ftuħ ta' diskussjonijiet ta' l-istatus hu sfida għar-reġjun sħiħ, u għall-komunità internazzjonali. L-impenn qawwi tal-partijiet kollha lejn Kosovo li tkun demokratika, stabbli u multi-etnika ser ikun essenzjali sabiex tinkiseb soluzzjoni sostenibbli li ssaħħaħ is-sigurtà u l-istabbiltà tar-reġjun, u li tiżgura l-progress filwaqt li tersaq lejn l-UE.

(6) Fl-Opinjoni tagħha, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill Ewropew għandu jagħti l-istatus ta' kandidat lil l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. In-negozjati ta' l-adeżjoni għandhom jinfetħu labadra l-pajjiż jikseb livell suffiċjenti ta' konformità mal-kriterji tas-sħubija. Il-Kummissjoni se tippreżenta rapport lill-Kunsill sa l-aħħar ta' l-2006 dwar il-progress ta' l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

# Anness: Konklużjonijiet tar-rapporti tal-progress dwar l-Albanija, Il-Bożnija u l-Ħerżegovina, il-Kroazja, is-Serbja u l-Montenegro u l-Kosovo, it-Turkija

*L-Albanija*

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**qagħda politika**, l-Albanija għamlet progress fit-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi, ġudizzjarji u ta' amministrazzjoni pubblika tagħha, imma teħtieġ timplimenta strateġiji u liġijiet b'aktar forza biex jitjieb iżjed it-tħaddim tagħhom. Saru sforzi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u sabiex jitjiebu d-drittijiet tal-bniedem. Jinħtieġ aktar impenn sabiex jinkisbu riżultati sinjifikanti. L-Albanija baqgħet twettaq rwol politiku u kummerċjali pożittiv fir-reġjun.

Il-Parlament baqa' ċ-ċentru ta' l-iskambju politiku u adotta ammont konsiderevoli ta' leġiżlazzjoni importanti. Il-konfront politiku distint b'mod eċċessiv xekkel il-konsensus politiku dwar il-kwistjonijiet tar-riforma u għaldaqstant il-progress batta. Regoli interni parlamentari ġodda, u b'mod partikolari il-Kumitat imsaħħaħ ta' Integrazzjoni Ewropea , jista' jgħin sabiex jintlaħaq konsensus kostruttiv. L-elezzjonijiet parlamentari ta' Lulju 2005 kienu fil-biċċa l-kbira twettqu kif xieraq u rriżultaw fit-trasferiment, bla problemi, tas-setgħa, iżda ħarġu diffetti li wrew bżonn għal iżjed riformi elettorali.

Il-gvern żviluppa strateġiji u strumenti ta' koordinazzjoni ġodda ta' l-eqqel importanza, rilevanti għall-progress ta' l-Albanija lejn l-UE. F'bosta każi tinħtieġ aktar enerġija u impenn biex dawn jintużaw ħalli jinkisbu riżultati imtejba b'mod konkret. Il-Ministeru ta' l-integrazzjoni Ewropea ssaħħaħ, iżda jeħtieġ aktar riżorsi sabiex titjieb it-tmexxija u l-koordinazzjoni dwar il-kwistjonijiet ta' l-UE. Jekk jingħaqdu bosta ministeri, dan jista' jtejjeb il-koordinazzjoni fl-oqsma ta' politika relatati imma se tinħtieġ ir-reqqa sabiex jiġu żgurati verifiki u bilanċi adattati.

L-Albanija tejbet is-superviżjoni, l-impjieg u t-taħriġ ta' l-amministrazzjoni pubblika tagħha u ħadet passi biex ittejjeb il-qafas legali tagħha. Issa teħtieġ tiżgura diviżjoni xierqa bejn il-livelli politiki u amministrattivi tagħha u ttejjeb il-proċeduri ta' valutazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' impjieg għall-ħaddiema taċ-ċivil tagħha.

Sar progress fit-titjib tat-tħaddim tas-sistema ġudizzjarja ta' l-Albanija. It-taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi tjieb u issa għandu jiġi segwit b'passi oħra biex tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom u l-kundizzjonijiet ta' impjieg aħjar għall-persunal ġudizzjarju ieħor. Ittieħdu miżuri biex tiżdied it-trasparenza u l-koordinazzjoni ġudizzjarja, iżda hemm bżonn li jittieħdu miżuri oħrajn. Għalkemm issa qegħdin jinqatgħu aktar sentenzi, il-livell ta' twettiq jibqa' relattivament baxx. Għodda legali u ftehimiet reġjonali ġodda għandhom jintużaw issa biex jinkisbu riżultati konkreti aħjar fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

Saru ċertu sforzi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni: issokta x-xogħol fil-fora internazzjonali, ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida ta' kunflitt ta' interessi, aktar uffiċjali pubbliki tressqu quddiem il-qorti minħabba korruzzjoni, u ttieħdet azzjoni soda kontra l-korruzzjoni tal-pulizija. Madankollu r-riżultati tanġibbli jibqgħu limitati: jinħtieġu aktar sforzi konsiderevoli sabiex il-leġiżlazzjoni attwali tiġi infurzata u jiġu adottati miżuri ġodda skond il-pjan ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni ta' l-Albanija, ir-rakkomandazzjonijiet GRECO u l-konvenzjonijiet internazzjonali kontra l-korruzzjoni.

Fil-qasam tal-drittijiet tal-bniedem, l-Ambanija għamlet xi sforzi biex jitjiebu l-kondizzjonijiet għall-ħabsin, permezz ta' kodiċi għall-kondotta ġdida u liġi interna għall-kontroll tal-ħabsin. Iżda infrastruttura mhux adattata tfisser li l-kondizzjonijiet fiżiċi jibqgħu batuti. L-għarfien u l-infurzar tal-liġi domestika u l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar it-trattament tal-ħabsin għandhom jitjiebu. Sar biss ftit progress konkret fit-titjib tal-libertà tal-mezzi tax-xandir. Sar progress leġiżlattiv fit-tisħiħ tad-drittijiet tal-proprjetà, iżda l-implimentazzjoni għandha titħaffef bil-kbir. L-Albanija hija eżempju ta' toleranza reliġjuża, iżda teħtieġ iżjed progress sabiex tilħaq l-istandards internazzjonali fid-drittijiet tal-bniedem u tal-minorità.

L-Albanija kompla jkollha rwol pożittiv fir-reġjun u qiegħda ssegwi b'mod attiv l-approfondiment tar-relazzjonijiet politiki u kummerċjali mal-ġirien tagħha permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles u inizjattivi reġjonali multilaterali, u ż-żamma ta' politika kostruttiva lejn il-Kosovo.

L-**ekonomija** ta' l-Albanija taħdem sa ċertu livell fi ħdan il-qafas tal-prinċipji ta' suq attiv. Sforzi attivi oħra għar-riforma jinħtieġu sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-kompetittività ta' l-ekonomija.

It-tkabbir baqa' b'saħħtu filwaqt li l-pressjoni ta' l-inflazzjoni baqgħet imrażżna. Id-defiċit tal-kont kurrenti naqas. It-tisħiħ fiskali ssokta u d-defiċit tal-baġit naqas. Progress fir-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika ssoktat u l-kapaċità amministrattiva ta' l-amministrazzjoni tat-taxxa tjiebet. Sar ċertu progress fil-qasam tal-kontroll finanzjarju pubbliku u l-verifika interna. Il-privatizzazzjoni ta' l-impriżi żgħar u ta' daqs medju twettqet. Il-bejgħ tal-Bank tat-Tfaddil intemm fl-2004 u l-privatizzazzjoni ta' l-Albtelecom beda fil-bidu ta' l-2005. Kontroll prudenti ssaħħaħ permezz ta' l-implimentazzjoni ta' proċess ta' kontroll imsejjes fuq ir-riskju. Is-suq tax-xogħol jitqies bħala relattivament flessibbli.

Madankollu, l-amministrazzjoni tas-settur pubbliku għad baqagħlha tissaħħaħ u l-privatizzazzjoni ta' l-impriżi l-kbar sofriet bosta dewmien. Dan l-aħħar il-kapaċità tas-settur finanzjarju biex jidderieġi t-tfaddil lejn l-investiment produttiv dan l-aħħar beda jitjieb, iżda xorta waħda jibqa' batut. It-twaqqif u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà jibqgħu diffiċli, u jħassru l-potenzjal għall-investiment u l-attività ekonomika. Il-ħolqien ta' l-impriżi baqa' jħabbat wiċċu ma' xkiel bħal infrastruttura dgħajfa, leġiżlazzjoni batuta u implimentazzjoni dgħajfa tal-leġiżlazzjoni tat-taxxa. Kompetizzjoni żleali mill-kumpaniji li jaħdmu fl-ekonomija oskura tibqa' problema. Il-livell ta' edukazzjoni jibqa' relattivament baxx u l-provvista ta' xogħol tas-sengħa hu limitat.

L-Albanija għamlet ċertu progress sabiex tissodisfa l-**istandards Ewropej**. Il-progress ikkonsista b'mod partikolari fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida u t-twaqqif ta' istituzzjonijiet ġodda. Saru wkoll ċertu sforzi li jikkonċernaw it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, iżda f'numru ta' każijiet jinħtieġ aktar impenn u riżorsi sabiex ikun hemm iżjed progress.

Dwar il-kwistjonijiet tas-*suq intern*, l-Albanija ssoktat tagħmel progress fil-qasam tal-*moviment ħieles ta' l-oġġetti*. L-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni avvanzaw b'mod sodisfaċenti, iżda għandha tingħata aktar attenzjoni lejn l-implimentazzjoni tad-direttiva ta' l-Istrateġija l-Ġdida, dik Globali u dik Antika. Ma saru l-ebda żviluppi leġiżlattivi fil-metroloġija, u t-tagħmir għall-ittestjar hu nieqes. Jinħtieġ aktar progress legali u amministrattiv għall-kontroll xieraq tas-suq. Il-liġijiet rigward il-ħarsien tal-konsumatur għandhom jitjiebu u jiġu implimentati. Rigward il-*moviment tal-persuni, servizzi u d-dritt ta' l-istabbiliment*, l-Albanija tkompli tħabbat wiċċha ma' problemi ta' emigrazzjoni. Il-

leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment hi relattivment miftuħa imma teħtieġ emendi biex tneħħi d-diskriminazzjoni bejn l-impriżi nazzjonali u dawk barranin. Ir-regoli għall-provvista ta' servizzi huma pjuttost liberali. Ma sar l-ebda żvilupp sinjifikanti rigward il-*moviment tal-kapital*.

L-Albanija għamlet progress konsiderevoli fil-qasam tar-regoli *doganali*, u l-ġbir tad-dħul żdied, filwaqt li progress f'oqsma relatati oħra kienu aktar limitati u kienet meħtieġa azzjoni supplimentari sabiex tiġi affrontata l-korruzzjoni fis-servizz doganali. Il-leġiżlazzjoni fuq it-*tassazzjon*i tjiebet, u l-SMEs ibbenefikaw minnha b'mod partikolari. Żvilupp pożittiv kien it-trasferiment tat-taqsima tal-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni soċjali u tas-saħħa lejn l-amministrazzjoni tat-taxxa. Il-leġiżlazzjoni tat-taxxa għandha tiġi implimentata b'mod ġust u trasparenti u l-ġbir tad-dħul għandu jitjieb.

Fil-qasam tal-*kompetizzjoni*, jinħtieġ aktar xogħol sabiex jiżdied il-fehim tal-prinċipji tagħha fost il-parteċipanti tas-suq. Sar progess partikolari dwar l-għajnuna statali, b'dipartiment ta' l-għajnuna statali li ġie stabbilit u l-approvazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida. Regoli *ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi* li jeżistu għandhom jitħarsu, u l-leġiżlazzjoni relatata teħtieġ xogħol konsiderevoli biex tkun konformi ma' l-istandards ta' l-UE. Leġiżlazzjoni ġdida dwar id-*drittijiet tal-proprjetà intellettwali* ġiet adottata, iżda l-infurzar tagħha għandu jissaħħaħ. Sar ċertu progress rigward is-sistema ta' l-*istatistika* dwar il-klassifikazzjoni u l-istabbiliment ta' reġistru tal-kumpaniji, li issa għandu jiġi estiż. L-istatistika makroekonomika għandha titjieb.

Meta wieħed iqis il-*politika settorjali*, is-settur *industrijali* u dak ta' l-*SME* wrew biss progress limitat, iżda s-settur ibbenefika mill-passi msemmija hawn fuq fil-qasam tat-tassazzjoni. L-Albanija għandha timplimenta bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni tagħha biex tnaqqas l-ostakoli amministrattivi u tindirizza l-ekonomija informali.

Is-setturi ta' l-*agrikoltura* u s-*sajd* għamlu ftit progress. L-agrikultura tkompli taġixxi bħallikieku mħadda ekonomika u soċjali u tnaqqas il-faqar u l-qgħad, għalkemm is-sehem tagħha tal-PGD ikompli jonqos. Għad baqagħlhom isiru ħafna affarijiet biex titjieb il-kwalità tal-prodotti agrikoli u dawk tas-sajd, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà ta' l-ikel.

Sar biss progress limitat f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-*ambjent*. Ġiet adottata ċertu leġiżlazzjoni mtejba, imma l-infurzar għadu problematiku. Il-kapaċità amministrattiva biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni ambjentali għandha tissaħħaħ.

Sar ċertu progress fis-settur tat-*trasport*, speċjalment fil-leġiżlazzjoni u s-sehem fil-fora internazzjonali, imma l-infrastruttura tiegħu għadha mhix adattata u hija mantenuta ħażin. L-Albanija għandha timplimenta l-pjan ġenerali tat-trasport u ttejjeb is-sigurtà tat-trasport fil-mezzi varji ta' trasport. L-investimenti tat-trasport għandhom ikunu trasparenti u jirrispettaw ir-regoli tal-prokura.

L-Albanija għamlet progress tajjeb fis-settur ta' l-*enerġija*, b'mod partikolari billi implimentat il-pjan ta' azzjoni ta' l-enerġija, billi armonizzat il-leġiżlazzjoni u ffirmat it-Trattat tal-Komunità ta' l-Enerġija għall-Ewropa tax-Xlokk. Għandha tkompli timplimenta b'mod strett il-pjan ta' azzjoni ta' l-enerġija sabiex tnaqqas il-qtugħ frekwenti ta' dawl u l-linji illegali ta' l-elettriku.

Sar ċertu progress fis-settur tas-soċjetà ta' l-informatika u l-mezzi tax-xandir, b'mod partikolari permezz tal-liberalizzazzjoni tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet u distribuzzjoni

aħjar tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-privatizzazzjoni ta' l-Albtelecom għad baqagħlha biex tiġi konkluża b'suċċess u l-leġiżlazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet għandha tiġi żviluppata biex tiġbed lejha aktar investimenti. Jinħtieġ iżjed xogħol biex jiġu armonizzati l-kommunikazzjonijiet elettroniċi, it-teknoloġija ta' l-informatika u l-leġiżlazzjoni awdjoviżiva u sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni mhux diskriminatorja.

L-Albanija fasslet abbozz ta' dokument strateġiku dwar il-kontroll intern tal-finanzi pubbliki, iżda dan ix-xogħol jeħtieġ jiġi żviluppat aktar. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-verifika esterna, l-Istituzzjoni Suprema għall-Verifika ta' l-Albanija għandha titjieb skond il-linji ta' gwida ta' l-INTOSAI, u l-indipendenza finanzjarja għandha tiġi żgurata.

Fil-qasam tal-*ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*, dokumenti ta' l-ivvjaġġar saru aktar siguri, imma jinħtieġ progress għall-kompjuterizzazzjoni tas-sistema tal-*visa* u sabiex il-leġiżlazzjoni tal-*visa* tkun f'konformità man-normi fis-seħħ ta' l-Unjoni Ewropea. L-Albanija tejbet b'mod konsiderevoli l-*kontroll fuq il-fruntieri* permezz ta' tmexxija u infrastruttura ta' l-IT aqwa u kooperazzjoni aħjar mal-ġirien, imma t-traffikar jibqa' problema sinjifikanti li għandha tiġi indirizzata permezz ta' strateġija integrata ta' tmexxija tal-fruntieri għall-kooperazzjoni imtejba bejn is-servizzi u riżorsi ulterjuri. Ġew adottati strateġiji nazzjonali fuq l-*emigrazzjoni* u l-*kenn politiku*, u l-Albanija ffirmat ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid ma' l-UE. Issa dawn jeħtieġu jiġu ffinanzjati u implimentati.

Sar progress fil-ġlieda kontra l-*ħasil tal-flus*, b'leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni ġdida u passi biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenzija u dik reġjonali. Madankollu dawn l-aspetti jeħtieġu aktar xogħol, li jiffoka fuq ir-riżultati, u l-Unità ta' Intelliġenza Finanzjarja, l-uffiċċji tal-prosekutur u l-Unità tal-Kriminalità Ekonomika tal-pulizija teħtieġ aktar riżorsi biex taħdem bis-sħiħ.

L-Albanija għamlet ftit progress fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-*drogi* illegali, b'mod partikolari bl-approvazzjoni ta' l-Istrateġija Nazzjonali kontra d-Droga, id-daħla ta' mezzi speċjali ta' stħarriġ u l-leġiżlazzjoni tas-sekwestru ta' l-assi. Madankollu, l-Albanija tissokta tkun pajjiż ta' tranżitu ewlieni għat-traffikar tad-droga u għandha tagħti prijorità u finanzjament akbar għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija tagħha kontra d-drogi. Għandha tkompli ssaħħaħ l-infurzar, ittejjeb il-koordinazzjoni kemm domestika kif ukoll ma' l-imsieħba barranin u tevita x-xkiel ta' stħarriġ kontra d-drogi minn uffiċjali pubbliċi.

Sar ċertu progress fit-titjib ta' l-effikaċja tal-*puliżija* statali ta' l-Albanija, bit-tisħiħ tad-dipartimenti li għandhom x'jaqsmu mal-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, u l-prosekuzzjoni u t-tkeċċija ta' numru akbar li sikwit huma uffiċjali għolja tal-pulizija implikati fil-korruzzjoni. Madankollu, l-Albanija għandha tissokta ttejjeb it-tagħmir u t-tmexxija tal-pulizija, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi umani, it-trasparenza, l-awtonomija u r-rekords tal-pulizija, u għandha tħaffef l-isforzi sabiex tilħaq ftehim ma' l-Europol.

L-Albanija għamlet progress fil-ġlieda *kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu*, bl-adozzjoni ta' pakkett speċifiku ta' liġijiet. L-Albanija kompliet timplimenta miżursi speċifiċi diretti lejn l-azzjoni kontra l-kriminalità organizzata u tejbet l-entitajiet ewlenin tal-ministeru kif ukoll tejbet il-liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità. L-analiżi ta' l-intelliġenza tal-puliżija tjiebet, u t-traffikar tal-bnedmin permezz tal-baħar naqas. Madankollu l-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri diretti lejn l-azzjoni għandu jitħaffef u passi konkreti biex jittejjeb l-ħarsien tax-xhieda huma meħtieġa mill-aktar fis. L-Albanija għandha ttejjeb l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, issegwi l-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali b'mod aktar

attiv u tuża l-għodda legali ġodda tagħha b'mod aktar determinat biex tarresta u tħarrek il-kriminali organizzati. Il-ġlieda kontra t-*terroriżmu* ssaħħet bl-istabbiliment ta' direttorat speċjalizzat tal-pulizija. L-Albanija appoġġjat inizjattivi internazzjonali fil-qasam, keċċiet lil dawk suspettati li kienu favur it-terroriżmu u qiegħda ttejjeb is-sigurtà fl-ajruporti. Għandha tħaffef l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali u ttejjeb aktar is-sigurtà fl-ajruport ta' Tirana.

*Il-Bożnija u l-Herżegovina*

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**qagħda politika**, il-Bożnija u l-Herżegovina għamlu progress fit-tisħiħ ta' l-istabbiltà ta' l-istituzzjonijiet tagħhom li jiggarantixxu demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-Bniedem u r-rispett għall-minoritajiet u l-ħarsien tagħhom. Twettqu bosta mill-impenni ta' wara l-adeżjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropea. Madankollu, għad hemm bżonn ta' sforzi kontinwi sabiex jiġi żgurat stat mhux reversibbli u awtonomu, li kapaċi jassumi responsabbiltà sħiħa għall-gvern.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-prinċipji demokratiċi, il-Bożnija u l-Herżegovina assumew reponsabbiltà organizzattiva u finanzjarja sħiħa għall-elezzjonijiet muniċipali ta' l-2004. Sar aktar progress fl-implimentazzjoni tal-Liġi dwar il-Kunsill tal-Ministri u l-Liġi dwar il-Ministeri. Issa l-isforzi jeħtieġu jissoktaw li jżidu l-effikaċja ta' l-entitajiet eżekuttivi u leġiżlattivi, biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet fuq livell ta' l-Istat huma mgħammra kif suppost biex jimplimentaw il-ħidmiet tagħhom u jsaħħu l-koordinazzjoni bejn l-Istat u l-Entitajiet.

Saru ċerti passi pożittivi fil-qasam ta' l-amministrazzjoni pubblika. Ġie stabbilit Uffiċċju ta' Koordinazzjoni għar-Riforma ta' l-Amministrazzjoni Pubblika. Id-Direttora għall-Integrazzjoni Ewropea ssaħħaħ; twettqet valutazzjoni tas-setturi ewlenin ta' l-amministrazzjoni pubblika. Issa jinħtieġu iżjed sforzi biex jinħoloq servizz taċ-ċivil modern u effettiv. Il-pjan ta' azzjoni komprensiv għar-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika għadu ma ġiex adottat. Nuqqas ta' persunal neċessarju u ta' stabbilimenti adattati għall-amministrazzjonijiet varji hi problema rikorrenti. It-tisħiħ tal-kapaċità ta' taħriġ għall-ħaddiema taċ-ċivil hu kruċjali wkoll.

Sar progress għal dak li għandu x'jaqsam mas-sistema ġudizzjarja. Ġiet adottata l-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi Kunsill Għoli wieħed għall-Imħallfin u l-Prosekuturi. Il-leġiżlazzjoni saħħet l-indipendenza tal-ġudikatura mal-pajjiż kollu. Il-Bożnija u l-Herżegovina qegħdin b'mod progressiv jieħdu aktar responsabbiltà minn idejn il-komunità internazzjonali għat-tmexxija tas-sistema ġudizzjarja tagħha.

Jinħtieġu iżjed sforzi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Filwaqt li ġiet żgurata l-prosekuzzjoni ta' għadd ta' każijiet speċifiċi ta' korruzzjoni, huma bosta dawn li jirnexxilhom jiżgiċċaw minn idejn il-ġustizzja. Għandhom jitħejjew u jiġu implimentati pjanijiet ta' azzjoni xierqa kontra l-korruzzjoni. L-adozzjoni tal-liġi dwar il-kunflitt ta' interessi kien pass pożittiv. Għandha tiġi żgurata l-implimentazzjoni konsistenti tagħha.

Saru żviluppi pożittivi rigward ir-riforma tad-difiża permezz ta' l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment ta' armata waħdanija iżgħar u professjonali, f'konformità mas-Sħubija tan-NATO għall-ħtiġijiet tal-Paċi. Rigward ir-riforma tal-pulizija, għandu jintlaqa' bis-sħiħ it-tħaddin mill-Parlamenti ta' l-Entità u ta' l-Istat, ta' ftehim dwar l-istrutturar mill-ġdid tal-pulizija skond il-ħtiġijiet ta' l-UE. Issa tinħtieġ implimentazzjoni adattata.

Il-leġiżlazzjoni pendenti li tappoġġja l-miġja lura tar-rifuġjati ġiet adottata u l-Fond għar-Ritorn tar-Rifuġjati beda jaħdem. Inkiseb progress sinjifikanti għal dak li għandu x'jaqsam mal-miġja lura tar-rifuġjati u l-persuni mċaqilqa għaż-żoni tagħhom ta' qabel il-gwerra. Issa għandha tingħata prijorità sabiex jintemm il-proċess u sabiex issir ħidma lejn l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' dawk li jirritornaw. It-trasferiment ta' entitajiet tad-drittijiet tal-bniedem minn reponsabbiltà internazzjonali għal dik nazzjonali ra żviluppi konsiderevoli. Madankollu, jinħtieġ progress kontinwu sabiex jiġu ssodisfatti l-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-minoritajiet. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni xierqa biex tiġi evitata d-diviżjoni ta' l-iskejjel minħabba raġunijiet etniċi. Għandhom isiru sforzi għat-titjib ta' l-integrazzjoni tal-minorità tar-Roma.

Il-kooperazzjoni ma' l-ICTY tjiebet. Madankollu, għandhom isiru iżjed sforzi sabiex tinkiseb koordinazzjoni sħiħa mat-Tribunal sabiex l-akkużati kollha jitressqu quddiem il-qorti. Il-kooperazzjoni kostruttiva mal-pajjiżi ġirien kompliet. Madankollu, għandha tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tal-Ftehimiet reġjonali għall-Kummerċ Ħieles. Anke l-Bożnija u l-Herżegovina għandhom jagħmlu sforzi biex jissodisfaw il-ħtiġijiet pendenti ta' wara l-adeżjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-elezzjonijiet u l-edukazzjoni.

L-**ekonomija** tal-Bożnija u l-Herżegovina taħdem biss sa ċertu livell fi ħdan il-qafas tal-prinċipji ta' suq attiv. Jinħtieġu iżjed sforzi attivi għar-riforma sabiex jiġu indirizzati d-difetti serji fil-kompetittività ta' l-ekonomija.

It-Tkabbir ekonomiku reġa' beda fl-2004 u l-produzzjoni industrijali reġgħet ħadet ir-ruħ. L-inflazzjoni baqgħet baxxa filwaqt li l-flussi 'l ġewwa ta' investimenti barranin diretti kienu sinjifikanti. Seħħet armonizzazzjoni ulterjuri bejn l-Entitajiet, b'mod partilkolari fil-qasam ta' tassazzjoni indiretta fejn il-kompetenzi ġew trasferiti mill-Entitajiet għall-Awtorità ta' Tassazzjoni Indiretta. Dan ħoloq pjattaforma ġdida għall-kooperazzjoni u sforzi oħra sabiex tiżdied il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u finanzjarja, pereżempju permezz ta' l-istabbiliment ta' Kunsill Nazzjonali Fiskali . Saru ċerti passi biex titjieb il-klima tan-negozju. Kien hemm aktar approfondiment intermedjazzjoni bankarja filwaqt li l-qafas regolatorju kompla jitjieb.

Madankollu, l-iżbilanċi esterni u dawk tal-qgħad baqgħu kbar ħafna u l-isfidi tat-taxxi żdiedu. Sabiex tinżamm l-istabbilità makorekonomika u titħares is-sostenibbiltà tal-*currency board* hu kruċjali li jingħażlu politiki makroekonomiki diversi b'mod prudenti. Sabiex tissaħħaħ il-bażi produttiva ta' l-ekonomika, is-settur ta' korporazzjoni li fil-biċċa l-kbira jiġġenera ħafna telf għandu jiġi strutturat mill-ġdid mingħajr telf ta' żmien u mill-qiegħ nett, u l-privatizzazzjoni għandha titħaffef. Barra minn hekk, ser ikunu essenzjali l-azzjonijiet biex inaqsu l-indħil globali tal-gvern fl-ekonomija u jtejbu l-klima tan-negozju. Il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol għandha titjieb u s-sistema ġudizzjarja, b'mod partiklari t-trattament tal-fallimenti u d-drittijiet tal-proprjetà , għandhom jissaħħu. Sabiex jitmexxew b'suċċess l-isfidi fiskali, il-kapaċitajiet ta' koordinazzjoni u analitiċi għandhom jitjiebu u d-daqs ta' l-ispejjeż pubbliċi għandhom jitnaqqsu f'termini reali. Dawn il-ħidmiet impenjattivi se jeħtieġu azzjoni f'waqtha u impenn politiku sod kif ukoll kooperazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern.

Mill-aħħar rapport 'l hawn, il-Bożnija u l-Herżegovina għamlu iżjed progress sabiex jilħqu l-**istandards Ewropej**. Il-progress kkonsista b'mod partikolari fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida u t-twaqqif ta' numru ta' istituzzjonijiet ġodda. Saru ċertu sforzi marbuta mat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva. Issa jinħtieġ li jiġu żgurati sforzi sostenibbli sabiex tiżdied il-

kapaċità ta' l-implimentazzoni tagħha, b'mod partikolari bil-ħsieb ta' Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-ġejjieni.

Għal dak li għandu x'jaqsam mas-suq intern, il-Bożnija u l-Herżegovina għamlu ċertu progress fil-qasam tal-*moviment ħieles ta' l-oġġetti*, b'mod partikolari permezz ta' l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar l-istandards, iċ-ċertifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-konformità, is-sigurtà ġenerali tal-prodott u l-kontroll tas-suq. Madankollu, il-leġiżlazzjoni l-ġdida għadha ma ġietx implimentata kif suppost. Riżorsi umani u tekniċi jibqgħu limitati u n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità dwar il-produzzjoni lokali jissokta jxekkel il-kapaċità ta' esportazzjoni tal-Bożnija u l-Herżegovina. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-*moviment tal-persuni, servizzi u d-dritt ta' l-istabbiliment*, sar progress supplimentari fis-servizzi u l-istabbiliment, b'mod partikolari permezz ta' l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-settur ta' l-assigurazzjoni u l-istabbiliment ta' reġistru uniku għall-kumpaniji. Ma sar l-ebda żvilupp sinjifikanti fil-qasam tal-*moviment tal-kapital.*

Il-Bożnija u l-Herżegovina għamlu progress fil-qasam *doganali u ta' tassazzjoni*, permezz ta' l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni doganali ġdida, l-istabbiliment ta' amministrazzjoni doganali waħdanija u l-organizzazzjoni mill-ġdid tas-servizzi doganali. Ġiet adottata liġi dwar il-VAT u saru tħejjijiet għall-implimentazzjoni tagħha. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' din il-liġi u l-ġabra reali tal-VAT għadhom sfidi importanti. Sforzi konsistenti huma meħtieġ sabiex tiżdied il-ġbir tad-dħul, għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni u l-kriminalità transnazzjonali, u biex jiġu żgurat li ż-żoni ħielsa, il-valutazzjoni doganali u l-kwistjonijiet ta' orġini jitmexxew skond l-istandards ta' l-UE. Għal dak li għandu x'jaqsam b'mod speċifiku mal-valutazzjoni doganali, l-użu tal-listi tal-prezziiet huwa għajn ta' tħassib kbir. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-*kompetizzjoni*, l-istabbiliment ta' Kunsill għal Kompetizzjoni u l-adozzjoni ta' Liġi ġdida għal kompetizzjoni kienu passi pożittivi. Madankollu, ma sar l-ebda żvilupp sinjifikanti marbut ma' l-għajnuniet statali. Is-sistema ta' *għoti ta' kuntratti pubblċi* rat iżjed armonizzazzjoni Issa jinħtieġu iżjed sforzi biex tiġi stabbilita l-aġenzija ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi u korp ta' revizjoni ta' l-għti ta' kuntratti pubbliċi u li jħaddmuhom. Rigward *id-drittijiet ta' proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali* (IPR), il-leġiżlazzjoni l-ġdida tħabbar l-istabbiliment ta' istitut separat għall-Proprjetà Intelletwali. Il-Bożnija u l-Herżegovina ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni ma' l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Brevett u wettqu ċertu azzjonijiet kontra l-piraterija. Madankollu, l-implimentazzjoni u l-infruzar tal-leġiżlazzjoni ta' l-IPR tibqa' limitata u teħtieġ titjieb.

Rigward il-*politika settorjali*, il-Bożnija u l-Herżegovina komplew l-isforzi tagħhom, biex ineħħu l-ostakoli għan-negozju u biex jimplimentaw il-Karta Ewropea għal SMEs. Madankollu, ma kinux kapaċi jiżviluppaw strateġiji xierqa għas-setturi ta' l-*industrija u ta' l-SMEs*. Rigward l-*agrikultura*, sar ċertu progress permezz ta' l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni fl-oqsma veterinarji, dawk fitosanitarji u dawk ta' sigurtà ta' l-ikel iżda kien jonqos l-ipjjannar strateġiku globali u ċerti mill-istituzzjonijiet imħabbra mil-leġiżlazzjoni l-ġdida ma ġewx stabbiliti. Il-koordinazzjoni Entità-Stat u inter-Entità għandha titjieb ukoll. Fil-qasam ta' l-*ambjent*, ittieħdu ċertu passi mill-Bożnija u l-Herżegovina fis-setturi ta' l-arja, ta' l-ilma u ta' l-iskart. Madankollu, il-kapaċità ta' implimentazzjoni tibqa' limitata, minħabba riżorsi umani u tekniċi skarsi. F'dan il-kuntest l-istabbiliment ta' Aġenzija ta' l-Ambjent Statali mgħammra sew għandu jkun prijorità.

Fil-qasam tat-*trasport*, jissoktaw isiru sforzi li jimmiraw għat-titjib ta' l-infrastrutturi tat-trasport. Ġiet adottata leġiżlazzjoni dwar il-ferroviji. Saru żviluppi pożittivi rigward l-avjazzjoni, kif ukoll f'termini tal-kooperazzjoni reġjonali. Madankollu, jinħtieġu sforzi sostenibbli sabiex jitjieb l-ippjannar strateġiku, sabiex titjieb iżjed l-infrastruttura u tiġi

żgurata l-armonizzazzjoni progressiva, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam ma' standards tekniċi u ta' sigurtà, standards soċjali u l-liberalizzazzjoni tas-suq. Rigward l-*enerġija*, saru żviluppi pożittivi fil-qasam ta' l-elettriku, b'mod partikolari permezz ta' l-istabbiliment ta' regolatur fuq livell ta' l-Istat, u l-istabbiliment ta' Operatur ta' Sistema Indipendenti u kumpanija nazzjonali ta' xandir. Pjanijiet ta' azzjoni għall-istrutturar mill-ġdid tas-settur ġew adottati wkoll miż-żewġ Entitajiet u tkompliet il-kooperazzjoni għall-istabbiliment ta' suq għall-enerġija reġjonali. Il-Bożnija u l-Herżegovina issa għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni varji, isaħħu l-organizzazzjonijiet regolatorji ta' l-Istat u ta' l-Entità, iħaffu r-riforma tas-settur tal-gass u jħejju Politika ta' l-Enerġija komprensiva. Il-Bożnija u l-Herżegovina ffirmaw it-Trattat Komunitarju ta' l-Enerġija ta' l-Ewropa tax-Xlokk

Sar ċertu progress mabut mas-*soċjetà ta' l-informatika u l-mezzi tax-xandir*, . Filwaqt li ttieħdu ċerti passi biex tissaħħaħ l-Aġenżija Regolatorja għall-Komunikazzjonijiet, il-liġi għall-istabbiliment ta' Aġenzija tas-Soċjetà ta' l-Informatika ma ġietx adottata u ma sar l-ebda progress għal dak li għandu x'jaqsam mal-liberalizzazzjoni tas-servizzi oligopolji ta' linja fissa. L-adozzjoni tal-liġi dwar is-sistema tax-xandir pubbliku u l-progress li sar għall-adozzjoni tad-dritt statali dwar is-servizz ta' xandir pubbliku kienu żviluppi pożittivi. Il-leġiżlazzjoni korrispondenti għal-livell ta' l-Entità għandha tiġi adottata ladarba l-liġi tas-servizz tax-xandir pubbliku tiġi hi stess adottata formalment.

Rigward *il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*, sar progress marbut mal-*ħtiġijiet tal-viża, il-kontroll fuq il-fruntieri, il-kenn politiku u l-emigrazzjoni*. Strateġija integrata tat-Tmexxija tal-Fruntieri ġiet adottata u saru sforzi biex titnaqqas l-emigrazzjoni illegali u biex tiżdied l-effikaċja rigward il-ħruġ tal-viżas. Responsabbiltajiet li għandhom x'jaqsmu mal-kenn politiku, imwettqa sal-lum mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, qegħdin bil-mod jittieħdu mill-awtoritajiet statali. Madankollu, difetti fil-persunal tal-Ministeru tas-Sigurtà jqiegħdu fil-periklu l-implimentazzjoni xierqa tal-ħidmiet. In-numru ta' viżas li ħarġu fil-fruntieri għandhom ikomplu jitnaqsu. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-*ħasil tal-flus*, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida u l-istabbiliment ta' strutturi bżonnjużi kienu passi pożittivi. Issa għandha tiġi żgurata implimentazzjoni u infruzar xieraq ta' din il-leġiżlazzjoni. Ma nkisibx ħafna fil-qasam tal-ġlieda kontra d-*drogi*. Il-Bożnija u l-Herżegovina għandhom jiżviluppaw politika fuq id-droga fuq livell statali, jadottaw leġiżlazzjoni xierqa dwar id-drogi u l-prekursuri u jistabbilixxu uffiċċju fuq livell statali għan-narkotiċi sabiex ikunu aktar effettivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi.

Sar ċertu progress fil-qasam tal-*pulizija*. Barra l-ftehim li ntlaħaq fuq ir-riforma ġenerali tal-pulizija, l-organizzazzjonijiet fuq livell statali ġew stabbiliti u issa qegħdin joperaw. Is-servizzi ta' intelliġenza ngħaqqdu. Ġie pprovdut taħriġ u tagħmir. Rigward il-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu*, ġiet adottata strateġija kontra t-trafikkar tal-bnedmin. Ittieħdu passi oħra f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istrateġija, il-leġiżlazzjoni u l-istrutturi, u kien hemm kooperazzjoni tajba mal-Komunità internazzjonali fil-qasam kontra t-terroriżmu. Madankollu, jinħtieġu aktar sforzi, b'mod partikolari peress li l-kriminalità organizzata titqies bħala thedida maġġuri għall-istabbilità tal-Bożnija u l-Herżegovina u l-iżvilupp soċjoekonomiku ġenerali. Il-leġiżlazzjoni fuq il-ħarsien tad-data għadha pendenti u għandha tiġi adottata mingħajr telf ta' żmien. L-Implimentazzjoni xierqa tal-liġijiet u l-prosekuzzjoni tal-kriminali hi ta' l-akbar importanza.

*Il-Kroazja*

Il-Kroazja ma ħabbat wiċċha ma' l-ebda diffikultajiet maġġuri biex tissodisfa **r-rekwiżiti politiċi** għas-sħubija. Il-problemi li kienu nqalgħu mill-Opinjoni 'l hawn [13] għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħtieġa ta' kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex Jugoslavja (ICTY) ġew sadattant solvuti. Il-Kroazja ssoktat tagħmel progress ġenerali imma jinħtieġu sforzi sostenibbli oħra f'għadd ta' żoni importanti.

Sar progress fil-qasam tal-ġudikatura, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' strateġija ta' rifoma ġudizzjarja u varji titjib fil-proċedura u fl-organizzazzjoni, imma l-għan u l-isfidi li ħabbtu wiċċhom magħhom f'dan il-qafas ser jeħtieġu attenzjoni serja kontinwa b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-għadd kbir ta' każijiet pendenti b'mod ġenerali u l-bżonn biex jiġi żgurat infurzar xieraq tas-sentenzi. Sar titjib fil-prosekuzzjoni ta' proċessi għal kriminalità tal-gwerra, imma preġudizzju etniku kontra d-difendenti Serbi għadu jippersisti.

Minkejja ċertu progress fl-istabbiliment ta' qafas leġiżlattiv neċessarju u istituzzjonali, għandhom jiżdiedu l-isforzi mmirati lejn it-trattament tal-korruzzjoni, li tibqa' problema serja fil-Kroazja.

Fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-minoritajiet, ġie stabbilit qafas legali xieraq. Il-pożizzjoni tal-minoritajiet kompliet titjieb b'mod ġenerali mill-Opinjoni 'l hawn. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-Liġi Kostituzzjonali dwar il-Minoritajiet Nazzjonali kienet b'mod partikolari batuta. Is-Serbi u r-Roma jkomplu jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni u l-bżonn li jtejbu l-qagħda tagħhom speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-opportunitajiet għax-xogħol kif ukoll il-ħolqien ta' klima aktar favorevoli fil-Komunità maġġuri hi prijorità urġenti. L-implimentazzjoni għal strateġija ġdida tar-Roma bdiet, imma jinsabu sfidi maġġuri fil-ġejjieni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-inċidenti mġarrba minħabba l-etniċità jiġu mistħarrġa kif xieraq u dawk responsabbli jitħarrku.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet reġjonali, filwaqt li sar progress tajjeb dwar il-miġja lura tar-rifuġati f'termini ta' possessjoni mill-ġdid u rikostruzzjoni tad-djar, numru ta' dati ta' l-għeluq previsti ma ġewx issodisfatti. Il-progress kien batut b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' programmi għall-għotja ta' residenza għal dawn li qabel kellhom id-dritt jikru. Għaddejin sforzi biex jinħolqu kondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali meħtieġa għas-sostenibbilità tar-ritorn tar-rifuġjati li għandhom jitħaffu. Sar progress tajjeb fil-qasam tal-kooperazzjoni reġjonali, kemm f'termini ta' titjib fir-relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi ġirien kif ukoll f'termini ta' inizjattivi reġjonali. Il-Kroazja ffirmat it-Trattat Komunitarju ta' l-Enerġija ta' l-Ewropa tax-Xlokk. Madankollu, jinħtieġu sforzi serji biex jinstabu soluzzjonijiet definittivi għall-kwistjonijiet bilaterali pendenti kollha, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwisjtjonijiet tal-fruntieri kif ukoll għall-mistoqsijiet kollha miftuħa li għandhom x'jaqsmu mal-proprjetà. Inqalgħu problemi mill-Opinjoni 'l hawn għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħtieġa ta' kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex Jugoslavja (ICTY), li kkontribwixxew direttament għall-posponiment tal-bidu tan-negozjati għall-adeżjoni maħsuba f'Marzu ta' l-2005. Sadattant il-qagħda tjiebet u dan ippermetta lill-Kap Prosekutur ta' l-ICTY biex f'Ottubru ta' l-2005 jikkonkludi li l-kooperazzjoni kienet sħiħa. Għaldaqstant dan witta t-triq għall-Kunsill biex fit-3 ta' Ottubru 2005 jikkonkludi li l-kundizzjonijiet pendenti għall-bidu tan-negozjati għall-adezjoni ġew issodisfatti. In-negozjati tniedu formalment dik l-istess ġurnata. Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-

[13] COM (2004) 257 ta' l-20 ta' April 2004.

Kunsill ikkonferma li kooperazzjoni appoġġjata sħiħa ma' l-ICTY kienet se tibqa' rekwiżit għall-progress tul il-proċess ta' l-adeżjoni. Inqas minn kooperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY fi kwalunkwe stadju se taffetwa l-progress ġenerali tan-negozjati u tista' twassal għal sospensjoni tan-negozjati.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-**kriterji ekonomiċi**, il-Kroazja tista' titqies bħala suq ekonomiku attiv. Għandha tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fit-terminu medju, basta tkompli timplimenta l-programm tar-riforma biex tneħħi d-dgħjufijiet li baqa'. Il-konsensus politiku dwar il-prinċipji fondamentali ta' l-ekonomija msejsa fuq is-suq jidher li nżamm. Il-politika makroekonomika diretta lejn stabbilità kkontribwiet għal inflazzjoni relattivament baxxa u rata ta' kambju stabbli. Il-baġit sinjifikanti u d-defiċits tal-kont kurrenti tnaqqsu u ċertu miżuri ttieħdu biex jitjieb il-kontroll fuq l-ispejjeż fil-kura tas-saħħa u fis-sistema tal-pensjoni. Il-proċess tal-privatizzazzjoni ħa x-xejra fl-2005 u l-proċeduri ta' negozju u ta' reġistrazzjoini ta' l-art ġew issimplifikati. Is-settur bankarju kompla jikber u l-kontroll issaħħaħ aktar. L-infrastruttura tat-toroq tjiebet permezz ta' investiment qawwi fin-netwerk ta' l-awtostrada. Sar progress fil-liberalizzazzjoni tas-settur tat-telekomunikazzjonijiet b'effetti pożittivi fuq l-iżvilupp ta' l-infrastruttura, wara d-dħul tal-fornituri tas-servizzi privati. Ittieħdu passi inizjali importanti sabiex tiġi strutturata mill-ġdid is-sistema ferrovjarja li qiegħda tagħmel it-telf. L-ekonomija tal-Kroazja hi diġà integrata sew ma' dik ta' l-UE u l-integrazzjoni tal-kummerċ reġjonali ssaħħet.

Madankollu, żbilanċi sinjifikanti esterni u fiskali jinvolvu riskji potenzjali għall-istabbilità makroekonomika. Għalhekk, jinħtieġ li t-tisħiħ fiskali jibqa' jissaħħaħ iżjed u b'mod effettiv sostnut mill-miżuri strutturali, b'mod partikolari fil-qasam tas-sussidji u t-trasferimenti soċjali. L-iżvilupp ta' settur privat aktar dinamiku u ta' l-investiment barrani dirett ixxekkel minn regoli kumplessi u lakuni fl-amministrazzjoni pubblika u l-qrati kif ukoll minn proċeduri batuti ta' dħul u ta' ħruġ. L-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà u tal-kreditur jissoktaw jiġu sottovalutati minn ġudikatura ineffiċjenti. L-indħil ta' l-Istat fl-ekonomija jibqgħu sinjifikanti u sar ftit progress marbut ma' l-istrutturar mill-ġdid ta' impriżi statali kbar, b'mod partikolari fis-settur tat-tarzna, ta' l-azzar u ta' l-enerġija. It-tisħiħ tad-dixxiplina finanzjarja ta' impriżi statali jibqa' sfida partikolari għall-politika ekonomika . Sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u jitjiebu l-prospetti għall-investiment u tkabbir sostenibbli, il-Kroazja teħtieġ tindirizza id-dgħjufijat u l-problemi identifikati, b'determinazzjoni.

Rigward **il-ħila** tagħha **biex tassumi l-obbligi tas-sħubija**, il-Kroazja għamlet ċertu progress mill-Opinjoni 'l hawn, b'mod partikolari f'termini ta' armonizzazzjoni leġiżlattiva ma' l-*acquis* f'oqsma bħall-moviment ħieles ta' l-oġġetti u l-għoti ta' kuntratti pubbliċi u fil-qasam tas-soċjetà ta' l-informatika. Sar progress tajjeb ukoll fil-qasam ta' l-edukazzjoni u l-kultura u fil-politika barranija ta' sigurtà u ta' difiża.

Il-Kroazja teħtieġ tkompli l-armonizzazzjoni leġiżlattiva fl-oqsma kollha, filwaqt li ssaħħaħ l-istrutturi amministrattivi u legali meħtieġa għall-infurzar effettiv ta' l-*acquis*. F'bosta każijiet, l-infurzar għadu batut u l-kapaċità amministrattiva għadha mhix stabbli.

B'mod partikolari, jinħtieġu iżjed sforzi għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ma' l-*acquis* u biex tiġi implimentata u infurzata b'mod effettiv f'dawn l-oqsma: Il-Moviment ħieles tal-Kapital, il-Liġi tal-Kumpaniji, is-Soċjetà ta' l-Informatika u l-Mezzi tax-xandir, is-Sajd, it-Trasport, l-Enerġija, il-Ħarsien tal-Konsumatur u tas-Saħħa, l-Unjoni Doganali u l-Kontroll Finanzjarju.

Il-Kroazja se teħtieġ tagħmel sforzi konsiderevoli u sostenibbli għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ma' l-*acquis* u biex tiġi implimentata u infurzata b'mod effettiv f'dawn l-oqsma: il-Moviment Ħieles ta' l-Oġġetti, l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi, il-Moviment Ħieles tal-Ħaddiema, id-Drittijiet għall-Istabbiliment u l-Moviment Ħieles għas-Servizzi, is-Servizzi Finanzjarji, il-Politika ta' Kompetizzjoni, l-Iżvilupp Agrikolu u Rurali, is-Sigurtà fl-Ikel, it-Tassazzjoni, il-Politika Soċjali u ta' l-Impjieg, il-Politika Reġjonali, id-Drittijiet Ġudizzjarji u Fondamentali, u l-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà.

Sforzi tassew sinjifikanti ser jintħieġu fil-qasam ta' l-Ambjent, b'mod partikolari permezz ta' investiment sostanzjali u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-infurzar ta' l-*acquis*.

*Is-Serbja u l-Montenegro*

Rigward il-**qagħda politika** u l-istat tad-*demokrazija u l-istat tad-dritt* fis-Serbja u l-Montenegro, is-sigurtà kostituzzjoni u legali baqgħet inċerta. Filwaqt li l-Parlament ta' l-Unjoni ta' l-Istat reġa' sab il-leġittimità tiegħu u t-tħaddim tal-Parlament Serb tjieb bl-adozzjoni tar-reġoli ġodda tal-proċeduri, it-tħaddim ġenerali ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi jibqa' affetwat bid-dgħjufijat strutturali. Ma sar l-ebda progress marbut mar-riforma tal-Kostituzzjonijiet taż-żewġ Repubbliki.

Il-kwistjonijiet kostituzzjonali fis-Serbja u l-Montengro, b'mod partikolari rigward ir-relazzjoni bejn iż-żewġ Repubbliki kostitwenti u t-tħaddim ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni ta' l-istat, għandhom jiġu indirizzati fi spirtu kostruttiv u b'ħarsien sħiħ għall-Karta Kostituzzjonali tas-Serbja u l-Montengro. Dan japplika wkoll għal referendum eventwali dwar l-indipendenza taż-żewġ Repubbliki. Referendum bħal dan ser ikollu jkun f'konformità ma' l-istandards demokratiċi rikkonoxxuti internazzjonalment, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-ġejjieni tal-Kummissjoni ta' Venezja.

Sar progress fiż-żewġ Repubbliki rigward il-qafas legali tar-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika, iżda l-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għadha fil-bidu. Ma sar l-ebda progress marbut mar-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika ta' l-Unjoni ta' l-Istat. Il-livell ta' kapaċità amministrattiva jibqa' ġeneralment baxx. L-istrutturi amministrattivi meħtieġa fil-perspettiva tan-negozjati SAA ġew stabbiliti fuq livell ta' l-Unjoni ta' l-Istat u ż-żewġ Repubbliki.

Ir-riforma tad-difiża tissokta tħabbat wiċċha ma' xkiel serju, minħabba l-kontroll demokratiku insuffiċjenti, u n-nuqqas ta' tmexxija finanzjarja trasparenti.

Il-Qorti ta' l-Unjoni ta' l-Istat bdiet taħdem għalkemm il-kapaċità tagħha tibqa' dgħajfa u l-ftehim dwar l-għan tas-setgħat tagħha għadu ma ġiex, fil-biċċa l-kbira, ittestjat. It-trasferiment ta' setgħat ta' ġustizzja militari għall-qrati taċ-ċittadini ġie implimentat mingħajr xkiel, ħlief l-impennji pendenti konsiderevoli tal-każijiet amministrattivi. Il-ġudikatura kompliet tiġi affetwata, speċjalement fis-Serbja, minn dgħjufijat serji u l-indipendenza tagħha hi sottovalutata minħabba indħil politiku żejjed.

Il-korruzzjoni tibqa' suġġett ta' tħassib serju. Sar ċertu progress bl-iżvilupp ta' l-istrateġiji kontra l-korruzzjoni li issa ġew iffinalizzati- fis-Serbja- u implimentati b'mod effettiv.

Għal dak li għandu x'jaqsam mad-*drittijiet tal-Bniedem*, is-Serbja u l-Montenegro għamlu progress fl-implimentazzjoni ta' l-impenji li ttieħdu meta ssieħbu mal-Kunsill ta' l-Ewropa b'mod partikolari bil-ħatra ta' l-Aġent tal-Gvern għall-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-

Bniedem. Inqalgħu problemi marbuta mal-libertà ta' l-espressjoni u s-soċjetà ċivili. Kien hemm każi ta' trattament ħażin mill-pulizija. Sar ftit progress marbut ma' l-istħarriġ ta' delitti li seħħu waqt is-sistema ta' qabel. Għad m'hemmx leġiżlazzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni . Il-ħarsien tad-*drittijiet tal-minoritajiet* kompla jara ftit progress, imma l-inċidenti xorta għadhom iseħħu.

Is-Serbja u l-Montenegro kisbu progress sinjifikanti f'kooperazzjoni ma' l-ICTY fiż-żmien qabel ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat ta' preparazzjoni biex jinbdew in-negozjati SAA, b'mod partikolari l-kunsinna ta' numru sinjfikanti ta' akkużati għat-Tribunal ta' The Hague. Minn dak in-nhar, għad hemm kooperazzjoni tajba għal dak li għandu x'jaqsam ma' rinunzji għax-xhieda u l-aċċess għad-dokument, għalkemm ġieli dan il-proċess għadu mxekkul minn partijiet ta' l-amministrazzjoni u l-armata. Is-Serbja u l-Montenegro għamlu ftit, għalkemm limitat, progress ulterjuri biex itellgħu l-qorti dawk huma maħruba mil-liġi. Dan il-progress għandhu jitkompla sakemm tinkiseb kooperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY.

Għal dak li għandu x'jaqsam mar-*Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kosovo,* il-Belgrad intensifika d-djalogu mal-Pristina dwar temi tekniċi ta' interess komuni. Madankollu, ma ħeġġiġx b'mod attiv lis-Serbi ta' Kosovo sabiex jieħdu sehem fl-Istituzzjonijiet Proviżorji ta' Tmexxija Awtonoma. L-impenn kostruttiv ta' Belgrad dwar il-kwistjoni tal- Kosovo ser jgħin biex tiġi żviluppata aktar il-perspettiva Ewropea tas-Serbja u l-Monetenegro, filwaqt li x-xkiel jista' jinbidel f'ostakolu.

Il-kooperazzjoni reġjonali fuq livell multilareali u bilaterali tkompli titjieb, għalkemm iseħħu problemi sporadiċi .

L-**ekonomiji,** fiż-żewġ Repubbliki, jaħdmu sa ċertu livell fi ħdan il-qafas tal-prinċipji ta' suq attiv. Sforzi attivi oħra għar-riforma huma meħtieġa sabiex jiġu indirizzati d-difetti fil-kompetittività ta' l-ekonomija.

Fis-Serbja, l-attività ekonomika tibqa' relattivament b'saħħitha fl-ewwel nofs ta' l-2005. Is-sikkar fiskali kompla, u rrifletta b'mod partikolari t-talba domestika qawwija u l-infurzar tat-taxxa mtejjeb. Id-defiċit tal-kummerċ naqas fl-ewwel nofs ta' l-2005 u r-riżervi internazzjonali tjiebu. It-tmiem tan-negozjati mal-Klabb ta' Londra tal-kredituri kummerċjali fl-2004 kkontribwixxa għat-tnaqqis tal-livell ta' debitu estern. Reġa' nkiseb impetu f'dak li għandu x'jaqsam mar-riformi strutturali u b'mod partikolari sar aktar progress fl-istrutturar mill-ġdid u l-privatizzazzjoni tas-sistema bankarja.

Madankollu, l-impenn tal-gvern għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika u r-riforma strutturali ma kienx kostanti. L-inflazzjoni u l-pressjoni fuq il-paga żdiedu u l-iżbilanċi esterni jibqgħu għoljin. Is-swieq tax-xogħol ikomplu juru wkoll żbilanċi sinjifikanti ħafna. L-ambjent tan-negozju għadu mxekkel mill-ostakoli burokratiċi u t-tħaddim batut u ineffiċjenti tas-sistemi ġudizzjarji qiegħed jaffetwa serjament l-iżvilupp ekonomiku. Is-sehem tas-settur privat fil-PGD jibqa' relattivament modest u l-livell ta' kompetizzjoni jibqa' baxx. Minkejja l-progress fil-privatizzazzjoni, settur privat kompetittiv u dinamiku għadu ma ġiex stabbilit. Is-settur tal-gvern għadu jassorbi parti kbira mir-riżorsi, u jnawwar l-interazzjoni ħielsa tal-forzi tas-suq u jxekkel l-allokazzjoni tar-riżorsi effiċjenti. Telf mill-kumpaniji pubbliċi jew soċjali jibqgħu piż fuq il-finanzi pubbliċi.

Fil-Montenegro, it-tkabbir ekonomiku ssaħħaħ. L-inflazzjoni kompliet tonqos aktar u l-liberalizzazzjoni tal-prezz kważi ntemm. Il-privatizzazzjoni kompliet tiżviluppa aktar. Il-

qgħad naqas mhux ħażin. Id-defiċit tal-baġit naqas fl-2004. Is-self tal-bank żied mil-livelli baxxi hekk kif bdiet tikber il-fidi fis-settur bankarju.

Madankollu, l-iżbilanċi esterni kibru u d-debitu estern żdied aktar. Is-sehem tas-settur privat hu relattivament moderat. L-iżvilupp tas-settur privat għadu mxekkel mid-dgħjufijat fil-ġudikatura. Tkabbir kbir tal-paga affetwa b'mod negattiv il-kompetittività ta' l-esportazzjoni u l-livelli ta' l-impjieg.

Is-Serbja u l-Montenegro għamlu progress sabiex jissodisfaw l-**istandards Ewropej**. Fil-qasam tas-*suq intern*, iż-żewġ Repubbliki għamlu progress ġenerali tajjeb. Issa għandhom ikomplu jagħmlu sforzi sostenibbli biex itejbu l-kapaċitajiet leġiżlattivi u amministrattivi maħsuba għall-obbligi fil-ġejjieni ta' l-SAA. Għandhom jevitaw ukoll li joħolqu barrieri bejniethom.

Iż-żewġ Repubbliki qegħdin jagħmlu progress fil-qasam tal-*moviment ħieles ta' l-oġġetti*. Ma sar l-ebda żvilupp sinjifikanti marbut mal-qasam ta' l-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni. Fl-oqsma tal-*moviment tal-persuni, u d-dritt ta' l-istabbiliment*, ma sar l-ebda żvilupp sostanzjali. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-*libertà li jiġu pprovduti servizzi*, sar progress fis-Serbja li adottat pakkett ta' liġijiet ġodda fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Saru żviluppi limitati fiż-żewġ Repubbliki rigward il-*moviment ħieles tal-kapital*. Fil-Montenegro ġiet adottata liġi ġdida ta' kambju barrani u liġi għall-munita barranija u t-tranżazzjonijiet tal-kapital li jilliberalizzaw aktar il-movimenti tal-kapital. Ma sar l-ebda progress fil-garanzija tal-moviment ħieles tal-kapital fi ħdan l-Unjoni ta' l-Istat peress li ż-żewġ Banek Ċentrali repubblikani għandhom ma temmewx il-ftehim dwar sistema kompluta tal-kontijiet korrispondenti li kapaċi taħdem .

Sar ċertu progress fil-qasam tad-*dwana*. Is-Serbja adottat emendi għal-liġi doganali, u l-liġi tat-tariffi doganali li tarmonizza n-nomenklatura fuq it-tariffi man-nomenklautra magħquda ta' l-UE. Il-Montenegro adotta emendi għal-liġi doganali u għal-liġi tas-servizz doganali. Il-kapaċità amministrattiva u tat-tħaddim taż-żewġ awtoritajiet doganali repubblikani qiegħda titjieb imma għad għandha bżonn tissaħħaħ b'mod sinjifikanti. Fil-qasam tal-*kompetizzjoni*, iż-żewġ Repubbliki adottaw leġiżlazzjoni ġdida kontra l-monopolju u waqqfu strutturi bażiċi biex tiġi kkontrollata l-għajnuna statali. Jinħtieġu sforzi oħra biex jibdew jaħdmu l-istrutturi reppublikani kontra l-monopolju u l-kontroll ta' l-għajnuna statali. Fil-qasam ta' l-*għoti ta' kuntratti pubbliċi*, ma saru l-ebda żviluppi leġiżlattivi jew amministrattivi fis-Serbja. Il-Montenegro għamel progress limitat billi inkluda l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni ta' l-Istat fi ħdan l-għan tar-regoli ta' prokura. Il-kapaċità amministrattiva biex tiġi implimentata u infurzata l-leġiżlazzjoni dwar il-prokura teħtieġ tissaħħaħ b'mod konsiderevoli, speċjalment fil-Montenegro. Iż-żewġ Repubbliki għandhom jiżguraw li l-operaturi minn Repubblika waħda jistgħu jibbenefikaw mit-trattament nazzjonali fl-oħra u li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni ta' l-Istat ikunu koperti mir-regoli ta' prokura statutorji. Sar ċertu progress leġiżlattiv fiż-żewġ Repubbliki rigward id-*drittijiet ta' proprjetà intelletwali*, . Il-Montenegro adotta liġi ta' qafas għall-implimentazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali. L-infurzar qiegħed jitjieb progressivament iżda jinħtieġu azzjoniiet supplimantari sabiex jiġi segwit b'mod attiv. Ir-rwol ta' l-Uffiċċju tal-Proprjeta Intelletwali ta' l-Unjoni ta' l-Istat għandu jkun rikonoxxut bis-sħiħ miż-żewġ Repubbliki u dan l-Uffiċċju jeħtieġ jingħata l-kapaċità amministrattiva meħtieġa biex iwettaq il-ħidmiet tiegħu.

Sar ċertu progress, għalkemm mhux stabbli, marbut mal-*politika settorjali*. Fil-qasam ta' l-*industrija u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju*, iż-żewġ Repubbliki għamlu ċertu progress bl-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju. Sar ċertu progrss

fil-qasam ta' l-*agrikultura*. B'mod partikolari, is-Serbja saħħet il-kapaċità amministrattiva tal-Ministeru ta' l-Agrikultura u adottat liġijiet veterinarji ġodda ta' qafas . Sar biss progress limitat fiż-żewġ Repubbliki għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-*ambjent*. B'mod partikolari, il-Montenegro adotta Liġi fuq il-Ħarsien Integrat u l-Kontroll tat-Tniġġis. Iż-żewġ Repubbliki għamlu ċertu progress fil-qasam tat-*trasport*, b'mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni fin-Netwerk tat-Trasport ta' bażi ta' l-Ewropa tax-Xlokk. Iż-żewġ Repubbliki għamlu progress fil-qasam ta' l-*enerġija*, . Fis-Serbja, l-Aġenzija ta' l-Enerġija bdiet taħdem u l-istrateġija għall-iżvilupp ta' l-enerġija għall-perjodu sa l-2015 tjiebet. Il-proċess ta' separazzjoni ta' l-utilità ta' l-elettriku statali jkompli. Fil-Montenegro, sar ċertu progrss fl-istrutturar mill-ġdid tas-settur ta' l-elettriku. Is-Serbja u l-Montenegro ffirmaw it-Trattat Komunitarju ta' l-Enerġija ta' l-Ewropa tax-Xlokk

Sar ċertu progress marbut mas-*soċjetà ta' l-informatika u l-mezzi tax-xandir*, . Fis-Serbja, il-mopoloju esklussiv tal-linji fissi wasal fi tmiemu iżda l-Aġenzija tat-Telekomunikazzjonijiet għandha ma bdietx taħdem minħabba nuqqas ta' finanzjament. Fil-Montenegro, il-proċess ta' privatizzazzjoni tal-fornitur tat-telekom tal-linja fissa ġie ffinalizzat. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-politika *awdjoviżiva,* ma sar l-ebda progress fis-Serbja li emenda l-liġi ta' xandir tagħha biex testendi d-data ta' l-għeluq għall-bidla tax-xandir tar-radju Serb mir-rwol li bħalissa huwa kkontrollat mil-gvern f'servizz ta' xandir pubbliku, kif ukoll il-posponiment tal-privatizzazzjoni tax-xandara mmexxija mill-gvern lokali. Fil-Montenegro, il-Kunsill tax-Xandir implimenta sejħa għall-offerti għal liċenzji ta' l-użu ta' l-ispektrum.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-*ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*, ma sar l-ebda progress fl-oqsma fejn ir-responsabbiltajiet jinqasmu bejn l-Unjoni ta' l-Istat u ż-żewġ Repubbliki. Iż-żewġ Repubbliki jkomplu joperaw strutturi differenti tal-*viża*. Fiż-żewġ Repubbliki, l-istrateġiji nazzjonali dwar il-*kontroll fil-fruntiera* integrat għadhom qegħdin jitħejjew u - fis-Serbja, it-trasferiment tal-kontroll fil-fruntieri mill-armata ta' l-Unjoni ta' l-Istat għall-pulizija ġie pospost. Fil-qasam tal-*kenn politiku*, iż-żewġ Repubbliki għadhom ma adottawx il-liġijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-liġi ta' qafas ta' l-Unjoni ta' l-Istat. Rigward l-*emigrazzjoni*, il-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid għandhom jiġu infurzati bis-sħiħ.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tar-Repubbliki, sar ċertu progress leġiżlattiv dwar il-ġlieda kontra l-*ħasil tal-flus*. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-riforma tal-*pulizija*, sar progress fil-Montenegro permezz ta' l-adozzjoni tal-liġijiet dwar il-pulizija u l-agenzija ta' sigurtà nazzjonali. Fis-Serbja, il-leġiżlazzjoni ġdida dwar il-pulizija u s-servizzi ta' sigurtà għadhom pendenti. Il-*Kriminalità organizzata* tibqa' għajn ta' tħassib serju fiż-żewġ Repubbliki. Strateġija dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata ġiet adottata mill-Montenegro.

*Il-Kosovo*

Il-**qagħda politika** fil-Kosovo baqgħet stabbli waqt l-elezzjonijiet parlamentari u l-istabbiliment sussegwenti tal-gvern ta' koaliżjoni, kif ukoll fl-okkażjoni ta' l-akkuża u r-riżenja volontarja ta' l-ex Prim Ministru. Madankollu, id-defiċits sostanzjali demokratiki u effiċjenti battew ir-rendiment ta' l-istituzzjonijiet proviżorji tat-tmexxija awtonoma.

Ir-relazzjonijiet bejn is-Serbi ta' Kosovo u l-Albaniżi ta' Kosovo baqgħu mġebdin. Il-bojkott tas-Serbi tal- Kosovo ta' l-elezzjonijiet ta' l-2004 nawwar il-kapaċità tagħhom biex jindirizzaw it-tħassib leġittimu tal-komunità tagħhom permezz ta' mezzi demokratiċi. Fl-istess ħin, il-biċċa l-kbira ta' l-Albaniżi ta' Kosovo fallew milli joħolqu l-kondizzjonijiet neċessarji biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tas-Serbi ta' Kosovo fil-proċess politiku. L-

implimentazzjoni tar-riforma tat-tmexxija awtonoma lokali xxekklet b'mod sinjifikanti minn din il-qagħda.

B'mod ġenerali, l-istat tad-dritt jeħtieġ li jissaħħaħ b'mod sinjifikanti. Diffikultà ta' bażi hi l-inċertezza legali li teżisti għal dak li għandu x'jaqsam mal-liġijiet li huma fis-seħħ fil-Kosovo. L-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkompli tkun problema kbira hekk kif jiżdiedu l-każijiet pendenti. L-istituzzjonijiet ġudizzjarji u l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi għandhom jitjiebu sostanzjalment sabiex ikunu kapaċi jinfurzaw bis-sħiħ il-liġi, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-proprjetà u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u finanzjarja. Il-Korruzzjoni hi mxerrda u hemm nuqqas ta' azzjoni ta' koezjoni u azzjoni qawwija kontriha.

Il-kapaċità amministrattiva ta' Kosovo tibqa' ġeneralment baxxa. L-amministrazzjoni pubblika tagħha hi ineffiċjenti u suġġetta għall-indħil politiku, u mhux dejjem taġixxi b'mod ġust. Għalkemm hemm bażi legali għas-servizz ċivili u għat-tmexxija tal-finanzi pubbliċi, hemm nuqqas ta' trasparenza u ta' kontabbiltà. Għandha titjieb il-koordinazzjoni tal-gvern u tiġi ddefiniti aktar ir-relazzjoni bejn il-livell muniċipali u dak ċentrali. It-titjib tal-provvediment tas-servizz pubbliku bażiku għall-komunitajiet kollha hu prijorità, b'mod partikolari biex titnaqqas it-talba għall-servizzi pprovduti mill-istrutturi parallelli li jissoktaw jaħdmu f'bosta muniċipalitajiet li fil-biċċa l-kbira huma tas-Serbi u tal-Kosovo.

Sar aktar progress fit-titjib tal-libertà ta' l-espressjoni, bl-istabbiliment ta' qafas regolatorju għall-mezzi tax-xandir indipendenti u t-twaqqif ta' żewġ istituzzjonijiet akkademiċi ġodda biex irawwmu l-ġurnaliżmu ta' kwalità. Ġiet adottata liġi kontra d-diskriminazzjoni li issa teħtieġ tiġi implimentata bis-sħiħ jekk għandha tħares kif xieraq id-drittijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal u n-nisa. L-istituzzjoni ta' l-ombudsman issokta jkollha rwol kruċjali fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u fil-ħarsien tal-minoritajiet.

Saru ċertu sforzi min-naħa ta' l-istituzzjoni ta' Kosovo biex jikkundanaw l-atti ta' vjolenza kontra l-gruppi ta' minorità, biex iżidu r-rappreżentazzjoni tal-minorità u biex iħeġġu r-ritorn tar-rifuġjati iżda baqgħu biss tħabbir dikjarattivi mingħajr ma inbidlu f'fatti fuq livell lokali. Għaldaqstant, il-qagħda tal-minoritajiet etniċi tibqa' estremament diffiċli. L-użu tal-lingwi ta' minorità fl-awtoritajiet ċentrali u muniċipali mhux biżżejjed u jxekkel il-parteċipazzjoni fl-istituzzjonijiet. L-aċċess tal-minoritajiet għas-servizzi pubbliċi hi wkoll problema. Rigward il-miġja lura tar-rifuġjati u l-persuni mċaqilqa internament, in-numru ta' rifuġati li rritornaw jibqa' baxx ħafna. Inċertezza dwar l-istat fil-ġejjieni ta' Kosovo u l-biżgħat dwar is-sigurtà, flimkien ma' prospetti ta' impjieg skarsi, qegħdin jiskoraġġixxu l-miġja lura tas-Serbi ta' Kosovo u l-komunitajiet l-oħra. Attenzjoni partikolari għandha tingħata għall-garanzija ta' għajxien sostenibbli għall-komunitajiet kollha tal-minorità li diġà qegħdin jgħixu fil-Kosovo imma l-qagħda tal-komunitajiet tar-Roma, ta' l-Ashkalija u l-Eġizzjani, b'mod partikolari dawk li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' ħsara għas-saħħa, teħtieġ azzjoni urġenti.

Id-djalogu tekniku mal-Belgrad reġa' beda u l-parteċipazzjoni ta' Kosovo fl-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali tjiebet.

Il-ftuħ tad-diskussjonijiet dwar l-istatus tal-ġejjieni ta' Kosovo hi sfida għar-reġjun sħiħ. L-impenn qawwi tal-partijiet kollha ta' Kosovo li hija multi-etnika, stabbli u demokratika ser ikun essenzjali biex jinkiseb ftehim sostenibbli li jsaħħaħ is-sigurtà u l-istabbilità tar-reġjun u l-progress tiegħu lejn l-UE.

L-**ekonomija** ta' Kosovo taħdem sa ċertu livell fi ħdan il-qafas tal-prinċipji ta' suq attiv. Jinħtieġu sforzi attivi oħra għar-riforma sabiex jiġu indirizzati d-difetti fil-kompetittività ta' l-ekonomija.

L-Istabbiltà monetarja kompliet tiġi żgurata permezz ta' l-użu ta' l-EUR bħala l-munita elwenija fiċ-ċirkolazzjoni. L-inflazzjoni kienet negattiva fit-tieni nofs ta' l-2004 u fil-bidu ta' l-2005. Sar progress fir-riiformi strutturali, b'mod partikolari l-privatizzazzjoni ta' impriżi kollettivi tħaffet min-nofs l-2004 'l hawn. Ġew inkorporati żewġ impriżi tal-pubbliku. L-awtoritajiet komplew isegwu l-kummerċ liberali u l-politika tas-suq tax-xogħol u jiżguraw dħul fis-suq relattivament miftuħ u ambjent intraprenditorjali fil-biċċa l-kbira favorevoli. Xi flussi modesti ta' investiment barrani dirett seħħew fil-kuntest ta' privatizzazzjoni mħaffa.

Madankollu, it-tkabbir ekonomiku li kien x'aktarx batut, affetwa wkoll it-tnaqqis fl-appoġġ mid-donaturi barranin u n-nuqqas ta' dinamiżmu ta' l-ekonomija. Il-qgħad jibqa' għoli ħafna u d-defiċit tal-kont kurrenti jibqa' konsiderevoli. Il-politiki diversti adottati ma kinux xierqa sa l-aħħar: b'mod partikolari żiediet konsiderevoli fl-ispejjeż wasslu għal deifiċ tal-baġit mdaqqas fl-2004. L-istrutturar mill-ġdid ta' l-utilità ta' l-elettriku ġiet posposta b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' riżorsi biex jiġu ffinanzjati l-bżonnijiet tiegħu ta' investiment . L-istabbiliment tad-drittijiet tal-prorpjetà jibqa' sfida. Inċertezzi legali u dgħjufijat fl-implimentazzjoni tal-liġi u l-infurzar tal-kuntratt ikomplu jxekklu l-iżvilupp tas-settur privat u l-investiment. Ħruġ mis-suq jibqa' diffiċli u jdum minħabba b'mod partikolari d-dgħjufijiet fil-ġudikatura. L-infrastruttura bażika insuffiċjenti tkompli tostakola l-attività ekonomika. Żiediet fil-pagi reali nawru l-kompetittività ta' esportazzjoni tal-Kosovo.

Il-Kosovo għamel progress f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-armonizzazzjoni lejn l-**istandards Ewropej** f'bosta oqsma għalkemm b'mod instabbli.

Leġiżlazzjoni ġdida u l-politiki issa qegħdin jiġi ċċekkjati għal konformità ma' l-UE mill-fażi ta' bidu u l-ewwel stadju ta' tfassil kemm fil-ministeru kif ukoll fl-Uffiċċji għall-Proċessi ta' Integrazzjoni Ewropea. Seba' ministeri stabbilixxew unitajiet ta' integrazzjoni ta' l-UE, ftit minnhom appoġġjati minn esperti esterni. In-nuqqas ta' esperti legali lokali kwalifikati fil-liġi ta' l-UE hu ostakolu u ġew iffaċċjati diffikultajiet fit-traduzzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida. Minkejja dan il-progress, l-ebda wieħed minn dawn l-istrutturi ta' servizz taċ-ċivil ma huma kkonsolidati bis-sħiħ, u lanqas il-kumitat parlamentari dwar il-kooperazzjoni internazzjonali u l-integrazzjoni ta' l-UE ma għadu jaħdem kompletament .

Fil-qasam tas-*suq intern*, sar progress marbut ma' l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida. Il-liġi riveduta dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi tissejjes fuq ir-regoli ta' l-UE, għalkemm għadħa taħt ir-reviżjoni ta' l-Assemblea. Ma sar l-ebda progrss fil-qasam tal-*liġi ta' proprjetà intelletwali*. Saru żviluppi pożittivi fil-qasam tad-*dwana* b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tat-Tariffa Integrata għall-Kosovo u l-Kodiċi Doganali. Sar ċertu progress fil-qasam tat-*tassazzjoni* fejn qiegħda ssir armonizzazzjoni progressiva ma' l-*acquis* ta' l-UE. Fl-2005, il-Kosovo mexa lejn sistema simplifikata ta' żewġ tipi ta' taxxi fuq id-dħul. Il-ġbir u l-kapaċità ta' kontroll ta' l-amministrazzjoni tat-taxxa teħtieġ titjieb u jiġi ttrattat il-frodi fis-sisa.

Rigward żvilupp fil-*politika tas-settur*, kompliet l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għal Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju. Ġiet adottata liġi fuq l-appoġġ għall-SME. Minkejja l-potenzjal tagħha, l-*agrikultura* ta' Kosovo tibqa' mhux sfruttata biżejjed u l-isfidi ewlenin bħal infrastruttura batuta, id-drittijiet tal-proprjetà, il-kreditu mhux adattat, il-mekkaniżmi ta' kontroll ta' kwalità ineffiċjenti u l-edukazzjoni baxxa għandhom jiġu affrontati. Fil-qasam ta'

l-*ambjent*, il-Kosovo għamel progress lejn l-armonizzazzjoni għall-*acquis* ta' l-UE bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar il-kwalità ta' l-ilma u ta' l-ajru, u liġijiet lokali dwar il-valutazzjoni ta' impatt ta' l-ambjent. Il-gvern approva Strateġija ta' Ħarsien ta' l-Ambjent filwaqt li Pjan ta' Azzjoni Ambjentali ta' ħames snin qiegħed jiġi żviluppat. Sar progress fil-qasam tat-*trasport* fejn il-Kosovo tieħu sehem fl-inizjattivi ta' *trasport* reġjonali. L-ajruport ta' Pristina kkostitwit f'soċjetà privata ġie taħt il-kontroll ċivili. Il-Kosovo jieħu sehem fl-estenzjoni taż-Żona ta' l-Avjazzjoni Ewropea Komuni lejn l-Ewropa tax-Xlokk. Rigward l-*enerġija*, il-Kosovo ffirma t-Trattat Komunitarju ta' l-Enerġija ta' l-Ewropa tax-Xlokk Fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet u s-servizzi postali, il-kodiċi postali l-ġodda daħlu fis-seħħ f'Ġunju 2005.

Rigward il-*ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*, il-qagħda għadha mhux sodisfaċenti. Sar ċertu progress fl-istabbiliment ta' qafas legali għall-ġlieda kontra l-*ħasil tal-flus* filwaqt li mekkaniżmi ta' implimentazzjoni għad baqagħlhom jitjiebu. Strateġija komprensiva kontra d-*droga* għad trid tiġi stabbilita, kemm għal dak li għandu x'jaqsam mat-traffikar kif ukoll iż-żieda ta' l-abbuż lokali tad-droga. It-tranżizzjoni tas-setgħa għas-Servizz tal-Pulizija ta' Kosovo huwa kontinwu. Madankollu, tinħtieġ aktar kapaċità, b'mod partikolari għal sttħarriġ u sengħa fil-ġestjoni u t-tmexxija. Jinħtieġ aktar progress sabiex dawk li jwettqu l-att kriminali jitilgħu l-qorti u b'hekk jinfurzaw l-istat tad-dritt. Il-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata* u kontra l-kriminalità finanzjarja għandha titkabbar u l-kapaċitajiet lokali żviluppati bl-għan ta' trasferiment ta' setgħat fil-ġejjieni lejn l-awtoritajiet lokali.

*It-Turkija*

It-Transizzjoni politika li għaddejja fit-Turkija u l-pajjiż tissokta tissodisfa b'mod suffiċjenti l-**kriterji politiċi** ta' Kopenħagen. Riformi importanti leġiżlattivi issa daħlu fis-seħħ u għandhom iwasslu bidliet stutturali fis-sistema legali, b'mod partikolari fis-sistema ġudizzjarja. Madankollu, il-pass tal-bidla batta fl-2005 u l-implimentazzjoni tar-riformi ma kinetx l-istess. Għalkemm l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem qegħdin ibattu, xorta jkomplu jseħħu u hemm bżonn urġenti li tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni li diġà qiegħda fis-seħħ u li jittieħdu iżjed iniżjattivi leġiżlattivi rigward ċerti oqsma. Jinħtieġu sforzi sinifikanti oħra għal dak li għandu x'jaqsam mal-libertajiet fondamentali u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-libertà ta' l-espressjoni, id-drittijiet tan-nisa, il-libertà tal-fidi, id-drittijiet tad-trejdjunjins, id-drittijiet kulturali u aktar tisħiħ tal-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin. B'mod partikolari, it-Turkija għandha tintegra aħjar il-proċess tar-riforma fix-xogħol ta' l-awtoritajiet pubbliċi kollha. L-impenn tat-Turkija għal iżjed riformi politiċi għandu jiġi rifless f'aktar kisbiet konkreti għall-benefiċċju taċ-ċittadini Torok kollha tkun xi tkun l-oriġini tagħhom.

Rigward id-demokrazija u l-istat tad-dritt, riformi strutturali importanti ġew implimentati, b'mod partikolari fil-qasam tat-tħaddim tal-ġudikatura. Is-sitt partijiet ta' leġiżlazzjoni msemmija fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-2004 daħħlu fis-seħħ. Madankollu, l-implimentazzjoni fuq il-post tibqa' instabbli. Minn banda, bosta sentenzi jissuġġerixxu li l-ġudikatura qiegħda taġixxi aktar u aktar skond il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Mill-banda l-oħra, kien hemm għadd ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari marbuta ma' l-espressjoni ta' opinjonijiet dwar suġġetti li huma tradizjonalment sensittivi, li wasslu għal persekuzzjonijiet u kundanni. Issoktaw ir-riformi dwar ir-relazzjonijiet militari-ċivili, iżda l-forzi armati xorta jeżerċitaw influwenza sinjifikanti billi joħorġu dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar l-iżviluppi politiċi u l-politika tal-gvern.

Fil-qasam tad-*drittijiet tal-bniedem u tal-minoritajiet*, minkejja li sar ċertu progress, l-istampa tibqa' eterogenea. Rigward il-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin, daħlu fis-seħħ aktar dispożizzjonijiet, li żdiedu mal-qafas leġiżlattiv komprensiv li diġà ġie stabbilit, u l-każijiet ta' prasi bħal dawn qegħdin jonqsu. Madankollu, rapporti ta' tortura u ta' trattament ħażin jibqgħu frekwenti u dawk li jwettqu delitti bħal dawn sikwit igawdu minn impunità.

Inkiseb progress leġiżlattiv marbut mat-twettiq tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari permezz tad-dħul fis-seħħ ta' Kodiċi Penali ġdida u Liġi ta' Assoċjazzjoni ġdida, u fil-prattika ż-żewġ individwi u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jgawdu minn libertà akbar milli fl-imgħoddi. Madankollu, l-individwi jkomplu jiġu mħarrka u kkundannati għall-espressjoni ta' l-opinjoni mhux vjolenti u ċerti assoċjazzjonijiet jkomplu jħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tagħhom. F'dan il-kuntest, il-proċeduri tal-qorti msejsa fuq l-Artikolu 301 ser jiġu kkontrollati mill-qrib.

Għad hemm rapporti tal-forzi tas-sigurtà li jużaw forza disproporsjonata fil-kuntest ta' dimostrazzjonijiet. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-libertà tal-fidi, minkejja ċertu miżuri *ad hoc,* il-minoritajiet u l-komunitajiet reliġjużi għad m'għandhomx personalità legali. Hemm bżonn urġenti li jiġu affrontati l-problemi tagħhom permezz ta' l-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv komprensiv skond l-istandards Ewropej. Tingħata attenzjoni akbar lid-drittijiet tan-nisa, imma l-vjolenza kontra n-nisa tibqa' għajn ta' tħassib serju.

Minkejja toleranza akbar għall-użu ta' lingwi minbarra t-Tork, it-twettiq ta' drittijiet kulturali għadu instabbli. L-ebda xandir lokali bil-Kurd ma ġie awtorizzat, il-korsijiet tal-lingwa Kurda ngħalqu u l-politiċi jkomplu jkunu kkundannati għall-użu tal-lingwa Kurda f'ċerti kuntesti. It-Turkija tkompli tadotta strateġija restrittiva għall-minoritajiet u d-drittijiet kulturali.

Għalkemm hemm kunsens akbar dwar il-bżonn li jiġi indirizzat l-iżvilupp ekonomiku, kulturali u soċjali fix-Xlokk, sar biss ftit progress konkret u l-qagħda tas-sigurtà qalbet għall-għar mill-bidu mill-ġdid tal-vjolenza PKK. Persuni mċaqilqa internament ikomplu jħabbtu wiċċhom ma' numru ta' diffikultajiet.

Rigward il-*kwistjonijiet reġjonali*, f'bosta okkażjonijiet il-gvern Tork iddikjara li jibqa' impenjat lejn ftehim komprensiv tal-problema ta' Ċipru skond il-pjan ippreżentat mis-Segretarju Ġenerali ta' l-NU. It-Turkija ffirmat il-Protokoll Supplimentari li jadatta il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Turkija KE għall-adeżjoni ta' l-10 Stat Membri ġodda fid-29 ta' Lulju. Fl-istess ħin, it-Turkija ħarġet dikjarazzjoni unilaterali li tiddikjara li din il-firma ma kinetx tfisser rikonoxximent fomali tar-Repubblika ta' Ċipru. L-UE adottat dikjarazzoni fil-21 ta' Settembru li tindika li d-dikjarazzjoni tat-Turkija ma taffetwax l-obbligi tat-Turkija skond il-Protokoll Supplimentari. Id-dikjarazzjoni ta' l-UE enfasizzat li l-għarfien ta' l-Istati Membri kollha kien komponent essenzjali tal-proċess ta adeżjoni. Tisħaq ukoll il-bżonn għall-appoġġ ta' l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali ta' l-NU biex isir ftehim komprensiv tal-problema ta' Ċipru li jikkontribwixxu għall-paċi, stabbilità u relazzjonijiet armonjużi fir-reġjun. It-Turkija kompliet timponi l-veto tagħha dwar is-sħubija ta' Ċipru lil ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll għall-Ftehim ta' Wassennar dwar il-Kodiċi ta' Kondotta dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi u l-Użu Doppju ta' l-Oġġetti. Ir-Relazzjonijiet bejn il-Greċja u t-Turkija komplew jiżviluppaw b'mod pożittiv. Madankollu, minkejja 31 rawnd ta' laqgħat mill-2002 'l hawn, il-partijiet għad ma setgħux jiksbu ftehim komprensiv tal-ġlieda tal-fruntieri pendenti.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, it-Turkija tista' titqies bħala suq ekonomiku attiv, dment li jżżomm l-istabbilizzazzjoni riċenti tagħha u r-riforma tal-kisbiet. It-Turkija għandha tlaħħaq

mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fit-terminu medju, basta żżomm l-politika ta' stabbilizzazzjoni tagħha u tieħu aktar passi deċiżivi lejn ir-riformi strutturali.

Kisbiet sinjifikanti oħra dwar l-istabbilizzazzjoni makroekonomika nkisbu din l-aħħar sena. Minħabba politiki rigorużi u sodi diversi, il-konsolidazzjoni fiskali ssoktat, id-dinamika tad-dejn tjiebu u l-inflazzjoni baqgħet tonqos, filwaqt li t-tkabbir ekonomiku baqa' b'saħħtu. Sar progress konsiderevoli fit-titjib tat-tmexxija finanzjarja u l-kontroll pubbliku u bħala riżultat it-trasparenza fiskali żiedet . Organizzazzjoni mill-ġdid sinjifikanti tas-sigurtà soċjali u tas-sistemi tas-saħħa qegħdin iseħħu. It-titjib suċċessivi fil-qafas superviżorju u regulatorju tas-settur bankarju u l-iżviluppi fil-privatizzazzjoni qegħdin jissikaw qajl qajl id-dixxiplina finanzjarja ta' l-aġenti ekonomiċi u jtejbu n-negozju tat-Turkija u l-klima ta' investiment. L-investiment barrani dirett reġa' ħa r-ruħ.

Biex tibni fuq dan il-progress. l-istabbilizzazzjoni makroekonomika, imsejsa fuq ir-restrizzjoni baġitarja, għandha tiġi segwita aktar. Iż-żieda riċenti qawwija fid-defiċit tal-kont kurrenti jeħtieġ kontroll bir-reqqa u prontezza biex jittieħdu azzjonijiet f'waqthom. Riformi strutturali oħra, b'mod partikolari maħsuba biex isaħħu l-istat tad-dritt, itejbu l-privatizzazzjoni u l-istrutturar mill-ġdid ta' l-impriżi, il-korrezzjoni ta' l-iżbilanċi tas-suq tax-xogħol u t-tnaqqis ta' l-ekonomija informali għandhom jenfasizzaw u jsaħħu l-proċess ta' stabilizzazzjoni. Ir-riżorsi għandhom ikunu allokati b'mod aktar effiċjenti, b'mod partikolari permezz ta' riforma ta' swieq ta' fattur ewlieni. Għandhom jitħarsu l-impennji biex jillimitaw il-kont tal-paga totali. Ir-riforma ta' l-ispejjeż pubbliċi tal-proċeduri baġitarji għandhom jitkomplew u implimentazzjoni sħiħa ta' oqsfa mtejba regolatorji u legali jkunu żgurati.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-**ħila ta' l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-ordni legali ta' l-UE** tat-Turkija, sar ċertu, għalkemm mhux bilanċjat, progress mill-2004 'l hawn. Sar progress fil-qasam tal-*moviment ħieles ta' l-oġġetti*, b'mod partikolari dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni koperti mill-approċċ il-ġdid, li jinkludi l-possibbiltà għat-Turkija biex tgħarraf lill-organizzazzjonijiet ta' valutazzjoni tal-konformità, kif ukoll il-kontroll tas-suq. Għall-oqsma l-oħra, jiġifieri l-istrateġija l-antika u l-oqsma mhux armonizzati, ma sar l-ebda progress. Minkejja l-Unjoni Doganali tat-Turkija-KE, il-moviment tal-prodotti għadu mhux ħieles sa l-aħħar.

Il-*moviment ħieles tal-kapital* tjieb kemxejn. Ċerti restrizzjonijiet tneħħew, imma l-barranin għadhom ma jitħallewx jiksbu proprjetà u jimpennjaw ruħhom f'ċerti setturi ekonomiċi. Sar ċertu progress fil-qasam importanti tal-ħasil tal-flus, iżda l-armonizzazzjoni baqgħet inkompleta.

Sar ċertu progress marbut mal-*liġi tal-kumpaniji*, b'mod partiklari għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards tal-kontabbiltà u verifika. L-armonizzazzjoni ġenerali tibqa' limitata għal dan il-kapitolu.

L-armonizzazzjoni dwar *id-drittijiet tal-proprjetà intelletwali* li hi diġà avvanzata, żviluppat aktar. Sar ċertu titjib ukoll marbut ma' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni, iżda dan jibqa' l-aktar aspett batut tas-sistema.

Fil-qasam tal-*politika tal-kompetizzjoni*, id-dispożizzjonijiet marbuta ma' l-impennji (kontra l-monopolju u kontroll ta' żwieġ) huma armonizzati b'mod sodisfaċenti u implimentati mill-awtorità ta' kompetizzjoni. Mill-banda l-oħra, ma sar l-ebda progress fl-armonizzazzjoni jew fl-infurzar ta' l-għajnuniet statali. Għalhekk, l-armonizzazzjoni tibqa' limitata ħafna, minkejja

impennji bilaterali speċifiċi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-kontroll ta' l-għajnuniet statali fis-settur ta' l-azzar.

Sar ċertu progress fis-*servizzi finanzjarji*, u b'mod partikolari fis-settur ta' l-assigurazzjoni u l-pensjoni supplimentari. Għandu jissaħħaħ il-progress fis-settur bankarju. Madankollu, l-armonizzazzjoni ġenerali f'dan il-qasam hi limitata, u l-kapaċità amministrattiva teħtieġ tissaħħaħ.

Fil-qasam *tas-soċjetà ta' l-informatika u l-mezzi tax-xandir*, sar ċertu progress dwar il-komunikazzjoni elettronika u t-teknoloġija ta' l-infomatika, fejn saret il-liberalizzazzjoni, u s-servizzi tas-soċjetà ta' l-informatika. Implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tkun teħtieġ aktar żvilupp tal-kapaċità amministrattiva. Fil-qasam tal-politika awdjoviżiva, kemm il-progress riċenti kif ukoll l-armonizzazzjoni ġenerali jibqgħu limitati.

Is-setturi ta' l-*agrikoltura* u *s-sajd* ftit li xejn għamlu progress. Ittieħdu ċerti iniżjattivi marbuta ma' l-iżvilupp rurali imma dawn għandhom jissaħħu. B'mod ġenerali, l-armonizzazzjoni u l-kapaċità amministrattiva tibqa' limitata ħafna.

L-armonizzazzjoni fl-oqsma tas-*sigurtà ta' l-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja* hi wkoll kemxejn limitata. L-armonizzazzjoni hi għola f'ċerti sottosetturi speċifiċi ta' politika ġenerali għall-oġġetti ta' l-ikel, imma xorta inkompleta, u l-implimentazzjoni tidher diffiċli. Il-qafas ġenerali għall-politika veterinarja mhix stabbilita. Madankollu, l-amministrazzjoni bdiet taħdem biex tidentifika l-problemi fuq il-post u l-bidliet amministrattivi meħtieġa biex jiġu affrontati. Il-Politika fitosanitarja turi ċertu progress limitat. Strutturi amministrattivi ser jeħtieġu aġġornament maġġuri.

Il-progress marbut mat-*trasport* mhux stabbli fost il-mezzi varji ta' trasport. Sar ċertu progress fil-qasam tat-trasport tat-toroq, fejn l-armonizzazzjoni hi aktar avvanzata, imma l-implimentazzjoni baqgħet inkompleta. Riformi leġiżlattivi u istituzzjonali sostanzjali jintħieġu fis-settur tal-ferroviji. Sar ċertu porgress fit-trasport marittimu marbut ma' l-armonizzazzjoni leġiżlattiva u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva. Għal dak li għandu x'jaqsam mat-trasport ta' l-ajru, sar ċertu progress għalkemm l-armonizzazzjoni ġenerali tibqa' limitata. Inkiseb ċertu progress globali marbut ma' l-enerġija, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà ta' provvista u enerġiji li jiġġeddu. Filwaqt li l-progress li jikkonċerna l-istabbiliment tas-suq ta' l-enerġija intern baqa' limitat, ma sar l-ebda progress marbut ma' l-għajnuniet statali fis-settur, lanqas l-effiċjenza ta' l-enerġija. Jekk it-Turkija tiżviluppa kapaċità li tiġi ġġenerata l-enerġija nukleari, il-kapaċitajiet amministrattivi għandhom jissaħħu biex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà nukleari. Sar ċertu progress fil-qasam tal-ħarsien tar-radjazzjoni.

Il-progress fil-qasam tat-*tassazzjoni* hu limitat, u dan għat-tassazzjoni indiretta kif ukoll għat-tassazzjoni diretta. B'mod ġenerali, l-istruttura fiskali tat-Turkija qiegħed parzjalment f'konformità ma' l-*acquis*, iżda xorta tinħtieġ armonizzazzjoni sostanzjali. Id-daqs ta' l-ekonomija informali jibqa' problema. Strutturi amministrattivi se jeħtieġu aġġornament estensiv.

Sar ċertu progress fl-*istatistika*, u b'mod partikolari ma' dak li għandu x'jaqsam mal-klassifikazzjonijiet u l-istatistika tas-settur. Bħalissa l-armonizzazzjoni ma' l-*acquis* hi limitata, iżda l-kooperazzjoni bejn l-Eurostat u l-Istitut Statali ta' l-Istatistika tkompli. Sar ċertu progress fil-qasam ta' l-*impjieg u tal-politika soċjali*. Madankollu, filwaqt li l-armonizzazzjoni hi relattivament avvanzata dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, għad

jinħtieġu sforzi sostanzjali fl-oqsma bħad-djalogu soċjali, ugwaljanza bejn is-sessi u kontra d-diskriminazzjoni. Għad baqa' ssir ħidma maġġuri għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva.

L-istrateġija Torka rigward il-*politika industrijali* hi diġà fil-biċċa l-kbira f'konformità mal-prinċipji bażiċi ta' l-UE. Mir-Rapport preċedenti 'l hawn sar iżjed progress, b'mod partikolari għall-politika ta' l-SME. Il-progress dwar il-*politika reġjonali u l-koordinazzjoni ta' strumenti strutturali* għadu mhux stabbli. Ma sar l-ebda żvilupp mill-aħħar Rapport 'l hawn dwar l-organizzazzjoni territorjali, u l-ipprogrammar. Sar progress fil-qafas leġiżlattiv, u t-tmexxija u l-kontroll finanzjarju. Sforzi konsiderevoli jibqgħu meħtieġa sabiex jiġu stabbiliti strutturi istituzzjonali. L-amministrazzjonijiet involuti fil-politika reġjonali għandhom jiġu stabbiliti, kemm fuq livell ċentrali kif ukoll reġjonali, u aġġornati sussegwentement.

Fl-oqsma koperti mid-*drittijiet legali u fondamentali*, it-Turkija għamlet progress fl-armonizzazzjoni għal ma' l-istandards u l-prassi ta' l-UE li jikkonċernaw il-ġudikatura u l-miżuri kontra l-korruzzjoni. Madankollu, jinħtieġu iżjed passi biex tiġi żgurata l-indipendenza u l-effiċjenza tal-ġudikatura. Rigward il-korruzzjoni, tinħtieġ azzjoni supplimentari biex titjieb l-effiċjenza ta' l-organizzazzjonijiet relevanti mwaqqfa biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u jqajmu l-kuxjenza tal-pubbliku għall-korruzzjoni u għal fatt li dan jikkostitwixxi offiża kriminali serja.

It-Turkija kompliet tarmonizza l-leġiżlazzjoni tagħha ma' l-*acquis* fil-qasam tal-*libertà tal-ġustizzja u s-sigurtà*. B'mod ġenerali, il-leġiżlazzjoni Torka hi parzjalment f'konformità ma' l-*acquis*. Jinħtieġ aktar progress f'għadd ta' oqsma bħall-adozzjoni tal-liġi dwar il-ħarsien tad-*data* personali, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar it-Tmexxija fuq il-Fruntieri, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Migrazzjoni u l-Kenn Politiku, it-tneħħija tal-limitazzjoni ġeografika għall-Konvenzjoni ta' Geneva u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni ta' bejn l-aġenziji.

It-Turkija wettqet biss progress limitat għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-*ambjent*. Il-livell globali tat-traspożizzjoni ta' l-*acquis* jibqa' baxx, bl-eċċezzjoni tat-tmexxija ta' l-iskart u l-ħoss, fejn it-traspożizzjoni hi avvanzata. Dgħjufijiet fl-implimentazzjoni u l-infurzar għadhom għajn ta' tħassib. It-Turkija teħtieġ tieħu passi biex tintegra l-politika ambjentali fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki l-oħra kollha.

L-armonizzazzjoni fil-qasam tal-*protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa*, qiegħed javvanza b'pass sod. Sar progress, b'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' miżuri li m'għandhomx x'jaqsmu mas-sigurtà. Ma sar ebda progress ieħor marbuta mal-miżuri li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà, . Sar ċertu żvilupp rigward is-saħħa pubblika, u b'mod partikolari dwar il-leġiżlazzjoni tat-tabakk. Il-kapaċità amministrattiva għandha tissaħħaħ.

Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-*unjoni doganali* huma armonizzati fil-biċċa l-kbira, biex ikunu konformi wkoll mal-ftehimiet bilaterali UE-Turkija. Madankollu, tinħtieġ iżjed armonizzazzjoni tal-Kodiċi Doganali Torka ma' dik tal-KE. Il-leġiżlazzjoni mhux doganali implimentata fl-oqsma ħielsa u t-tkomplija ta' dgħjufijiet fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali fil-kontrolli doganali hija għajn ta' tħassib.

L-aspetti kummerċjali tal-politika ta' l-UE dwar ir-*relazzjonijiet esterni* huma segwiti fil-biċċa l-kbira mit-Turkija, bħala impenn li jirriżulta mill-Unjoni Doganali tal-KE-TurkijaĠew iffirmati, b'mod partikolari, ftehimiet ġodda ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi terżi. It-Turkija rnexxilha tarmonizza fil-biċċa l-kbira mas-sistema tal-KE-GSP.It-Turkija għandha livell għoli

ta' armonizzazzjoni mal-*politika komuni barranija u ta' sigurtà* ta' l-UE. Relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiżi ġirien, li jinkludu l-Greċja, komplew tjiebu. Il-fruntiera ma' l-Armenja għadha magħluqa. It-Turkija u l-UE għandhom interpretazzjoni differenti dwar il-ftehimiet "Berlin Plus" bejn l-UE u n-NATO li jxekkel il-kooperazzjoni ta' strateġija ta' l-UE-NATO fit-tmexxija tal-kriżijiet.